



Brussell, 6 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9924/23

LIMITE

ENV 580
CLIMA 255
FORETS 58
AGRI 278
POLMAR 29
CODEC 974

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0195(COD)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	10607/22 + ADD 1
Suġġett:	TĦEJJIJA TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL (AMBJENT) TAL-20 TA' ĠUNJU 2023 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

- Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura¹, li għandha l-għan li tirrestawra l-habitats Ewropej li jinsabu f'kundizzjoni ħażina u li ġġib lura n-natura fl-ekosistemi kollha, mill-foresti u l-art agrikola sal-ekosistemi tal-baħar, tal-ilma ħelu u urbani. B'din il-proposta ser japplikaw miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura f'ekosistemi differenti, li jikkomplementaw il-liġijiet eżistenti.
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-25 ta' Jannar 2023. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fid-9 ta' Frar 2023.

¹ 10607/22 + ADD 1

3. Id-diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew dwar il-proposta għadhom għaddejnin. Il-MPE César Luena (S&D) inħatar Rapporteur. Il-Kumitat ENVI kkunsidra l-abbozz ta' rapport tar-Rapporteur fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Jannar 2023. Biħsiebu jadotta r-rapport leġiżlattiv tiegħu f'Ġunju u l-votazzjoni fil-Plenarja hija mistennija ssir f'Lulju.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

4. Taħt il-Presidenzi CZ u SE, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) wettaq eżami intensiv tal-proposta għar-Restawr tan-Natura. Tressqu testi ta' kompromess tal-Presidenza li għadhom qed jevolvu, li jirriflettu diskussjonijiet li saru f'20 laqgħa tad-WPE u l-kummenti sussegwenti mid-delegazzjonijiet.
5. Il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-livell ta' ambizzjoni u dwar ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Diċembru 2022. Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd iddiskuta l-aspetti tal-agrikoltura u l-forestrija tal-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-21 ta' Novembru 2022 u l-20 ta' Marzu 2023, taħt "Affarijiet oħra"², u l-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija ddiskuta aspetti relatati mal-enerġija rinnovabbli fit-28 ta' Marzu 2023, taħt "Affarijiet oħra" wkoll³.
6. Fis-26 ta' April 2023 u fl-24 ta' Mejju 2023, il-Presidenza fittxet gwida għal aktar ħidma mill-Coreper⁴. Id-diskussjonijiet fil-Coreper indikaw li, b'mod ġenerali, it-test ta' kompromess tal-Presidenza kien miexi fid-direzzjoni t-tajba. Il-Coreper ipprova wkoll gwida politika dwar id-direzzjoni li għandha tittieħed fir-rigward tal-elementi essenzjali tal-proposta. Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Presidenza kellha laqgħat bilaterali mad-delegazzjonijiet kollha biex tidentifika b'mod ċar l-aktar tħassib urġenti tal-Istati Membri.

². 7401/23

³. 7670/23

⁴. 8416/23

7. Wara l-gwida li waslet mill-Coreper u fil-laqgħat bilaterali, il-Presidenza tressaq test ta' kompromess rivedut għal Approċċ Ġenerali. Dan it-test ta' kompromess jistabbilixxi bilanċ bejn li jinżammu għanijiet ambizzjużi għar-restawr tan-natura u li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament.
8. Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura huwa proposta kumplessa bi kwistjonijiet trażversali li ser ikollhom implikazzjonijiet għal politiki oħra tal-UE. Il-Presidenza semgħet it-tħassib espress mid-delegazzjonijiet u, kull meta possibbli, it-test ta' kompromess għal Approċċ Ġenerali jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, iżid il-flessibbiltà għall-Istati Membri u jaġġusta l-livell ta' ambizzjoni, filwaqt li għandu wkoll l-għan li jżomm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-Approċċ Ġenerali għandu l-għan li jnaqqas ukoll piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

III. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

Restawr tal-ekosistemi terrestri, kostali, tal-ilma ħelu u tal-baħar (Artikoli 4 u 5)

Obbligi Ġenerali

9. Kif intalab mid-delegazzjonijiet, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jżid il-flessibbiltà biex l-Istati Membri jimplimentaw l-obbligi stabbiliti fil-Proposta għar-Restawr tan-Natura. Il-mira ta' 30 % biex tittejjeb il-kundizzjoni tal-ħabitats elenkati fl-Annessi I u II sal-2030 hija marbuta maż-żona totali tat-tip ta' ħabitats minflok ma' kull grupp ta' ħabitats.

10. Għal habitats terrestri, l-Istati Membri għandhom sal-2030 biex jiddeterminaw il-kundizzjoni ta' 90 fil-mija tal-habitats mhux magħrufa, minflok ma jkollhom japplikaw miżuri ta' restawr mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament jekk il-kundizzjoni ma tkunx magħrufa. Għal habitats tal-baħar, huwa biss nofs il-lakuni fl-għarfien li jridu jingħalqu sal-2030. Għat-tipi kollha ta' habitats, il-kundizzjoni trid tkun magħrufa sal-2040. Il-ħolqien ta' rekwiżiti kwantitattivi ta' restawr japplika biss għal żoni li l-kundizzjoni tagħhom hija magħrufa.
11. B'kont meħud tad-diffikultajiet diffiċli speċifiċi għall-ekosistemi tal-baħar, minbarra l-flessibbiltajiet imsemmija hawn fuq, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jipproponi li meta jiġi applikat l-obbligu li tittejjeb il-kundizzjoni tal-habitats elenkati fl-Anness II, għall-grupp 7, l-Istati Membri jistgħu japplikaw perċentwal aktar baxx, dment li dan ma jipprevjenix status ambjentali tajjeb kif iddeterminat skont id-Direttiva 2008/86/KE. Barra minn hekk, tneħħiet il-mira tal-grupp 7 għall-2030.

Ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali

12. It-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jinkludi wkoll kjarifika li meta jkunu qed iħejju l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu d-diversità tas-sitwazzjonijiet f'bosta reġjuni relatati mar-rekwiżiti soċjali, ekonomiċi u kulturali, kif ukoll il-karatteristiċi reġjonali u lokali u d-densità tal-popolazzjoni. Fejn xieraq, jenħtieġ li titqies ukoll is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

13. Ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament huwa element essenzjali tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura billi jiżgura l-effetti dejjiema tar-restawr u l-kosteffettività tal-miżuri implimentati. Madankollu, id-delegazzjonijiet esprimew li l-implimentazzjoni tiegħu, kif previst fil-proposta, partikolarment barra n-Natura 2000 u f'żoni mhux soġġetti għal miżuri ta' restawr, tkun estremament eżiġenti b'rabta mal-ġestjoni estensiva li jkun jeħtieġ tiġi stabbilita, b'mod partikolari b'rabta mal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, iżda wkoll għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet.
14. Konsegwentement, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jagħmel distinzjoni ċara bejn ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament għal żoni li huma soġġetti għar-restawr (il-paragrafu 6 tal-Artikoli 4 u 5) u għal żoni fejn jinsabu t-tipi ta' habitats (il-paragrafu 7 tal-Artikoli 4 u 5). Fil-paragrafu 6, ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament huwa kkomplementat sempliċiment b'limitu sabiex ikun japplika biss għal deterjorament "sinifikanti", filwaqt li b'rabta mal-paragrafu 7, ġew introdotti diversi emendi bl-għan li jsir progress lejn rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament ibbażat fuq l-isforz. Minbarra l-introduzzjoni tal-limitu ta' deterjorament "sinifikanti", sad-data tal-pubblikazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, l-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu deterjorament sinifikanti, iżda dawn il-miżuri huma limitati għal żoni fejn jinsabu t-tipi ta' habitats elenkati fl-Annessi I u II li jkunu f'kundizzjoni tajba jew li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stipulati fil-paragrafu 1 tal-Artikoli 4 u 5.
15. L-eżenzjonijiet għall-issodisfar tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament huma ċċarati biex jinkludu wkoll diżastri naturali u azzjoni jew inazzjoni minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, huwa ċċarat li r-rekwiżit li jittieħdu miżuri bl-għan li jevitaw id-deterjorament f'żoni fejn jinsabu t-tipi ta' habitats (il-paragrafu 7 tal-Artikoli 4 u 5) ma jeħtieġx li jkun soġġett għal valutazzjoni skont il-każ.

16. It-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-Bijodiversità huma intrinsikament marbuta u jeħtieġ li l-istrumenti biex jiġu indirizzati dawn il-kriżijiet ikunu allinjati u komplementari. Għal allinjament sħiħ bejn ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jżid Artikolu 5a ġdid li jqis li huwa preżunt li l-ippjanar, il-konstruzzjoni u t-tħaddim ta' impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, il-konnessjoni tagħhom mal-grilja u l-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħżin huma ta' interess pubbliku prevalenti. Għalhekk, dawn il-każijiet jitqiesu bħala deroga għall-obbligi ta' titjib kontinwu u ta' nuqqas ta' deterjorament. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil dawn il-proġetti mill-obbligu li juru li hemm soluzzjonijiet alternattivi inqas ta' ħsara jekk ikunu jinsabu f'żona għat-tħaffif tal-enerġija rinnovabbli jew f'żona ta' infrastruttura dedikata, iddeżinjati fi pjan li jkun ġie adottat skont l-artikoli rilevanti tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u li jkun ġie soġġett għal valutazzjoni ambjentali strateġika f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva SEA⁵. Huwa inkluż ukoll Artikolu 21a ġdid biex jemenda l-Artikolu 7 tar-Regolament TEN-E⁶ sabiex issir referenza konsegwenzjali għal dan ir-regolament.

⁵ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30–37).

⁶ Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45–102).

17. Ġie introdott Artikolu 5b ġdid biex jiċċara li b'rabta mar-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament, għandu jiġi preżunt li l-pjanijiet u l-proġetti għall-iskop uniku ta' difiża nazzjonali huma ta' interess pubbliku prevalenti. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw ukoll lil dawn il-pjanijiet u proġetti mir-rekwiżit li ma jkunux disponibbli soluzzjonijiet alternattivi inqas ta' ħsara. Madankollu, meta tiġi applikata din l-eżenzjoni, sa fejn raġonevoli u prattiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jstabbilixxi miżuri bl-għan li jtaffu l-impatti fuq it-tipi ta' habitats.

Obbligi speċifiċi għall-ekosistemi

18. Il-proposta għar-Restawr tan-Natura fiha wkoll obbligi speċifiċi għall-ekosistemi, partikolarment għall-ekosistemi urbani (l-Artikolu 6), ix-xmajjar u l-pjanuri tal-għargħar (l-Artikolu 7), il-popolazzjonijiet tad-dakkara (l-Artikolu 8), l-ekosistemi agrikoli (l-Artikolu 9) u l-ekosistemi tal-foresti (l-Artikolu 10). It-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jipprevedi wkoll flessibbiltajiet fl-implimentazzjoni ta' dawn l-obbligi speċifiċi għall-ekosistemi, partikolarment b'rabta ma':

Ekosistemi urbani (Artikolu 6)

19. Filwaqt li tqis li l-Artikolu 6 huwa awżiljarju għall-għan ewlieni tal-proposta għar-Restawr tan-Natura, il-Presidenza tissostitwixxi l-miri kwantitattivi b'obbligu li l-Istati Membri jiksbu xejra ta' żieda sakemm jintlaħaq livell sodisfaċenti. L-integrazzjoni tal-ispazju ekoloġiku urban fil-bini u fl-infrastruttura ssir mezz kif jiżdied l-ispazju ekoloġiku urban ġenerali u mhux mira fiha nnifisha. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess tal-Presidenza japplika r-rekwiżit ta' "ebda telf nett" għaż-żona nazzjonali totali tal-ispazju ekoloġiku urban u meta mqabbel mas-sitwazzjoni mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Qed jiġi introdott limitu għal meta l-Istati Membri jistgħu jeskludu żoni ta' ekosistema urbana mir-rekwiżit ta' ebda telf nett. Biex tindirizza l-flessibbiltà mitluba b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-artikolu, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jiddeterminaw il-mod kif jimmapjaw iż-żoni ta' ekosistema urbana tagħhom (l-Artikolu 11(2b)).

20. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jiċċara r-reqwizit tal-Artikolu 7 billi jżid id-definizzjoni ta' x'inhi xmara għerja, filwaqt li jidentifika li l-inventarju u l-pjan għat-tneħħija jikkonċernaw ostakli artifiċjali u li l-istimi għandhom ikunu bbażati fuq is-sitwazzjoni fl-2020. It-test ta' kompromess jintroduċi wkoll obbligu li l-Istati Membri jiżguraw li tinżamm il-konnettività tax-xmajjar restawrata.

Ekosistemi Agrikoli (Artikolu 9)

21. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jemenda d-deskrizzjoni ta' *karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira* fl-Anness IV, bl-għan li tiżdied il-flessibbiltà u tkun possibbli l-ġestjoni ta' dawn il-karatteristiċi li huma meħtieġa għall-preservazzjoni tal-bijodiversità. Barra minn hekk, il-Presidenza tipproponi li, fejn applikabbli, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw metodoloġija komplementari għal dak l-indikatur sabiex jimmonitorjaw dawn il-karatteristiċi mhux koperti mill-metodu komuni bbażat fuq LUCAS.
22. B'rabta mat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri, filwaqt li huwa rikonoxxut li din id-dispożizzjoni tista' tikkontribwixxi ħafna għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-Presidenza tirrikonoxxi li taffettwa wkoll sproporzjonament lil ċerti Stati Membri. Sabiex jinstab bilanċ bejn li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-proposta u li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, il-Presidenza tipproponi li jitnaqqsu l-miri għal żoni li għandhom jiġu restawrati sal-2040 u l-2050 minn 50 % għal 40 % u minn 70 % għal 50 %, rispettivament. Il-flessibbiltà ser tiżdied ukoll billi jogħla għal 40 % s-sehem ta' torbieri skulati mxarrba mill-ġdid taħt użi oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-mira ġenerali. Barra minn hekk, f'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jnaqqsu l-punt sa fejn jiġu mxarrba mill-ġdid it-torbieri fużu agrikolu u, meta jdaħħlu fis-seħħ miżuri għat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-livell tal-ilma għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali.

23. Abbażi ta' tħassib li wrew id-delegazzjonijiet u bl-għan li jkun hemm flessibbiltà mingħajr ma jiġu kompromessi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jipproponi li l-indiċijiet tal-injam mejjet wieqaf, tal-injam mejjet mal-art u tal-għasafar komuni tal-foresti jinżammu bħala indikaturi komuni obbligatorji. Mill-bqija tal-indikaturi relatati mal-foresti tal-proposta tal-Kummissjoni u żewġ indikaturi addizzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-aktar tliet indikaturi xierqa biex juru t-titjib tal-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali. Barra minn hekk, huma inklużi eċċezzjonijiet għall-ħarsien tal-obbligi skont dan l-Artikolu iżda dawn huma ristretti għal każijiet ta' force majeure fuq skala kbira jew trasformazzjonijiet inevitabli tal-habitats ikkawżati direttament mit-tibdil fil-klima.

Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr u l-"Pakkett" ta' approċċ gradwali

24. Matul id-diskussjonijiet, l-Istati Membri wrew tħassib dwar sa liema punt huwa fattibbli li jħejju Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr (NRPs) f'sentejn, li jkunu jinkludu miżuri ta' restawr għaż-żoni kollha fejn it-tipi ta' habitats huma f'kundizzjoni mhux magħrufa. Sabiex tindirizza t-tħassib li qajmu d-delegazzjonijiet, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jipproponi *approċċ gradwali* għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-NRPs, inkluż emendi għat-trattament ta' habitats f'kundizzjoni mhux magħrufa.
25. Il-proposta għall-approċċ gradwali għandha titqies bħala pakkett u tinkludi kemm ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tiżviluppa abbozz ta' format uniformi għall-NRPs (l-Artikolu 12(4)) fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament kif ukoll ir-rekwiżit li l-Istati Membri jippreżentaw abbozz ta' NRP li jiffoka fuq il-perjodu sa Ġunju 2032 u jillimita d-deskrizzjoni tal-elementi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi wara Ġunju 2032 għal stampa ġenerali strateġika. Qabel Lulju 2032 u qabel Lulju 2042, l-Istati Membri ser ikollhom jirrieżaminaw u jirrevedu l-NRPs tagħhom.

26. B'rabta mal-*Monitoraġġ*, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jistabbilixxi ċiklu ta' sitt snin, għajr għal ċerti indikaturi speċifiċi fejn tinżamm frekwenza annwali. Fi ħdan iċ-ċiklu ta' sitt snin l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimmonitorjaw l-indikaturi aktar spiss, pereżempju l-indikaturi tal-foresti, sabiex jintegrawhom ma' skemi nazzjonali ta' monitoraġġ oħra. B'rabta mar-*Rappurtar*, huwa stabbilit ċiklu ta' sitt snin biex isir rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-NRPs u dwar ir-riżultati tal-miżuri ta' restawr fis-seħħ, issupplimentat minn ċiklu ta' rappurtar ta' tliet snin għaż-żona soġġetta għal miżuri ta' restawr skont l-Artikoli 4-10. Sa fejn possibbli, dawn il-bidliet proposti għandhom l-għan li jarmonizzaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar skont dan ir-Regolament mal-obbligi eżistenti, b'mod partikolari skont id-Direttivi dwar il-Habitats u l-Għasafar, iżda wkoll mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

Evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament

27. Il-Presidenza ħadet kont tad-diskussjonijiet dwar kif tiġi ffinanzjata l-implimentazzjoni tar-regolament. Għalhekk, it-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jintroduċi paragrafu ġdid fl-Artikolu 18 li jiddeskrivi li l-Kummissjoni, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u b'konsultazzjoni tal-Istati Membri, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport ser ikun fih ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell tal-UE, valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-implimentazzjoni, u analiżi biex tiidentifika kull nuqqas fil-ffinanzjament. Fejn xieraq, ir-rapport ser jinkludi wkoll proposti għal miżuri adegwati, inkluż miżuri finanzjarji biex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati, u mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027.

IV. KONKLUŻJONI

28. It-test ta' kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali jinsab fl-Anness għal din in-nota. Il-bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa u sottolinjati** u t-test imħassar huwa ingassat.
29. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jeżamina t-test fl-Anness, u
 - jibagħtu lill-Kunsill (Ambjent) bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Approċċ Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-restawr tan-natura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli fil-livell tal-Unjoni dwar ir-restawr tal-ekosistemi biex jiġi żgurat l-irkupru għal natura bijodiversa u reżiljenti madwar it-territorju tal-Unjoni. Ir-restawr tal-ekosistemi jikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

¹ ĠU C , , p. .

- (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew² stabbilixxa pjan direzzjonali ambizzjuż biex jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, bl-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni adottat Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030³.
- (3) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE⁴, huma impenjati għall-viżjoni strateġika fit-tul adottata mill-Konferenza tal-Partijiet fl-2010 bid-Deċiżjoni X/2 Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020⁵ li, sal-2050, il-bijodiversità trid tiġi vvalutata, ikkonservata, restawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jinżammu s-servizzi tal-ekosistemi, tiġi sostnuta pjaneta f'saħħitha u jitwasslu benefiċċji essenzjali għan-nies kollha.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019 (COM (2019) 640 final).

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġghun-natura lura f'ħajjitna, 20.5.2020, COM(2020) 380 final.

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bioloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

5 <https://www.cbd.int/decision/cop/?id=12268>.

- (4) [...] Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika maqbula fil-COP 15 f'Diċembru 2022,⁶ il-Qafas Globali tal-Bijodiversità li jistabbilixxi miri globali orjentati lejn l-azzjoni għal azzjoni urġenti tul id-deċennju sal-2030 biex jiġi żgurat li ż-żoni kollha jkunu taħt ġestjoni tat-territorju parteċipatorja, integrata u li tinkludi l-bijodiversità u/jew proċessi ta' ġestjoni effettivi li jitrattaw bidliet fl-użu tal-art u l-baħar; it-telf ta' żoni ta' importanza kbira għall-bijodiversità, inkluż ekosistemi ta' integrità ekoloġika għolja, ikun f'livell qrib iż-żero sal-2030 filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni u lokali; jiġi żgurat li sal-2030 mill-inqas 30 % taż-żoni ta' ekosistemi degradati tal-art, tal-ilmijiet interni, u kostali u tal-baħar ikunu taħt restawr effettiv, sabiex jissaħħu l-bijodiversità u l-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistema, l-integrità ekoloġika u l-konnettività; jiġu restawrati, jinżammu fi stat tajjeb u jissaħħu l-kontributi tan-natura lin-nies, inkluż il-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistema, bħar-regolamentazzjoni tal-arja, l-ilma u l-klima, is-saħħa tal-ħamrija, id-dakkir u t-tnaqqis tar-riskju tal-mard, kif ukoll il-protezzjoni minn perikli u diżastri naturali, permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u/jew approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-benefiċċju tan-nies u n-natura kollha. Permezz tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ser ikun jista' jsir progress fil-kisba tal-għanijiet orjentati lejn ir-riżultati għall-2050.
- (5) L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli⁷ tan-NU, b'mod partikolari l-għanijiet 14.2, 15.1, 15.2 u 15.3, jirreferu għall-ħtieġa li jiġu żgurati l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-ilma ħelu terrestri u interni u s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari l-foresti, l-artijiet mistagħdra, il-muntanji u l-artijiet nixfin.

6 Qafas globali tal-bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Abbozz ta' deċiżjoni ppreżentat mill-President, CBD/COP/DEC/15/4 19 ta' Diċembru 2022.

7 [Nazzjonijiet Uniti: Żvilupp Sostenibbli – 17-il Għan biex Nittrasformaw id-Dinja Tagħna.](#)

- (6) L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, friżoluzzjoni tal-1 ta' Marzu 2019⁸, ipproklamat il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 id-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema, bl-għan tappoġġa u żżid l-isforzi biex tipprevjeni, twaqqaf u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi fid-dinja u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tar-restawr tal-ekosistemi.
- (7) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tiżgura li l-bijodiversità tal-Ewropa titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru sal-2030 għall-benefiċċji tan-nies, tal-pjaneta, tal-klima u tal-ekonomija tagħna. Tistabbilixxi pjan ambizzjuż tal-UE għar-restawr tan-natura b'għadd ta' impenji ewlenin, inkluż impenn li titressaq proposta għal miri legalment vinkolanti tal-UE għar-restawr tan-natura biex jiġu restawrati l-ekosistemi degradati, b'mod partikolari dawk bl-aktar potenzjal li jaqdbu u jaħżnu l-karbonju, u biex jiġi evitat u jitnaqqas l-impatt tad-diżastri naturali.
- (8) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021⁹, il-Parlament Ewropew kien issodisfat ħafna bl-impenn li titfassal proposta leġislattiva b'miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura, u barra minn hekk ikkunsidra li minbarra mira ġenerali għar-restawr, jenħtieġ li jiġu inklużi miri għar-restawr speċifiċi għall-ekosistemi għall-habitat u għall-ispeċijiet, li jkopru l-foresti, l-artijiet bil-ħaxix, l-artijiet mistagħdra, it-torbieri, il-pollinaturi, ix-xmajjar ġierja, iż-żoni kostali u l-ekosistemi tal-baħar.
- (9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020¹⁰, il-Kunsill irrikonoxxa li l-prevenzjoni ta' aktar tnaqqis tal-istat attwali tal-bijodiversità u tan-natura se tkun essenzjali, iżda mhux suffiċjenti biex in-natura terġa' lura f'haġġitna. Il-Kunsill afferma mill-ġdid li hija meħtieġa aktar ambizzjoni dwar ir-restawr tan-natura kif propost mill-Pjan il-ġdid tal-UE għar-Restawr tan-Natura, li jinkludi miżuri għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità lil hinn miż-żoni protetti. Il-Kunsill iddikjara wkoll li kien qed jistenna proposta għal miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura, soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

8 Ir-Riżoluzzjoni 73/284 tal-1 ta' Marzu 2019 dwar id-Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Restawr tal-Ekosistema (2021–2030).

9 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'haġġitna (2020/2273(INI)).

10 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, 12210/20.

(10) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tistabbilixxi impenn biex jiġi protett legalment minimu ta' 30 % tal-art, inklużi l-ilmijiet interni, u 30 % tal-baħar fl-Unjoni, li minnhom mill-inqas terz jenħtieġ li jkun taħt protezzjoni stretta, inklużi l-foresti primarji u antiki kollha li fadal. Il-kriterji u l-gwida għad-deżinjazzjoni ta' żoni protetti addizzjonali mill-Istati Membri¹¹ (il-"Kriterji u l-Gwida"), żviluppati mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, jenfasizzaw li jekk iż-żoni restawrati jikkonformaw jew huma mistennija li jikkonformaw, ladarba r-restawr jipproduċi l-effett sħiħ tiegħu, bil-kriterji għaż-żoni protetti, daww iż-żoni restawrati għandhom jikkontribwixxu wkoll lejn il-miri tal-Unjoni dwar iż-żoni protetti. Il-Kriterji u l-Gwida jenfasizzaw ukoll li ż-żoni protetti jistgħu jipprovdu kontribut importanti għall-miri għar-restawr fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, billi joħolqu l-kundizzjonijiet biex l-isforzi ta' restawr jirnexxu. Dan huwa partikolarment il-każ għal żoni li jistgħu jirkupraw b'mod naturali billi jwaqqfu jew jillimitaw xi wħud mill-pressjonijiet mill-attivitajiet tal-bniedem. It-tqegħid ta' tali żoni, inkluż fl-ambjent tal-baħar, taħt protezzjoni stretta, f'xi każijiet, se jkun biżżejjed biex iwassal għall-irkupru tal-valuri naturali li huma jospitaw. Barra minn hekk, fil-Kriterji u l-Gwida huwa enfasizzat li l-Istati Membri kollha huma mistennija li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar iż-żoni protetti stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, sal-punt li jkun proporzjonat għall-valuri naturali li jospitaw u għall-potenzjal li għandhom għar-restawr tan-natura.

11 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Kriterji u Gwida għad-deżinjazzjonijiet taż-żoni protetti (SWD(2022) 23 final).

- (11) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tistabbilixxi mira biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda deterjorament fix-xejriet ta' konservazzjoni jew fl-istatus tal-ħabitats u tal-ispeċijiet protetti u li mill-inqas 30 % tal-ispeċijiet u tal-ħabitats li bħalissa mhumiex fi status favorevoli se jaqgħu f'dik il-kategorija jew juru xejra pożittiva qawwija li se jkunu qed jaqgħu f'dik il-kategorija sal-2030. Il-gwida¹² li żviluppat il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex tappoġġa l-kisba ta' dawn il-miri tenfasizza li aktarx li jkunu meħtieġa sforzi ta' żamma u restawr għall-biċċa l-kbira ta' daww il-ħabitats u l-ispeċijiet, billi jitwaqqfu x-xejriet negattivi attwali tagħhom sal-2030 jew billi jinżammu x-xejriet attwali stabbli jew li qed jitjiebu, jew billi jiġi evitat it-tnaqqis tal-ħabitats u tal-ispeċijiet bi status ta' konservazzjoni favorevoli. Il-gwida tenfasizza wkoll li daww l-isforzi ta' restawr jeħtieġ li primarjament jiġu ppjanati, implimentati u kkoordinati fil-livelli nazzjonali jew reġjonali u li, fl-għażla u fil-prijoritizzazzjoni tal-ispeċijiet u l-ħabitats li jridu jittejjbu sal-2030, iridu jiġu mfittxija sinerġiji ma' miri oħra tal-Unjoni u internazzjonali, b'mod partikolari miri tal-politika ambjentali jew klimatika.
- (12) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tan-Natura tal-2020¹³ innota li l-Unjoni għadha ma rnexxilhiex twaqqaf it-tnaqqis ta' tipi ta' ħabitats u speċijiet protetti li l-konservazzjoni tagħhom hija ta' tħassib għall-Unjoni. Dak it-tnaqqis huwa kkawżat l-aktar mill-abbandun ta' agrikolturaestensiva, l-intensifikazzjoni tal-prattiki ta' ġestjoni, il-modifika tar-reġimi idroloġiċi, l-urbanizzazzjoni u t-tniġġis kif ukoll attivitajiet ta' forestrija mhux sostenibbli u l-isfruttament tal-ispeċijiet. Barra minn hekk, l-ispeċijiet aljeni invażivi u t-tibdil fil-klima jirrappreżentaw theddidiet serji u dejjem akbar għall-flora u l-fawna indiġeni tal-Unjoni.

12 Disponibbli fuq [Circabc \(europa.eu\)](https://circabc.europa.eu) [Ir-referenza għad trid timtela]

13 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "L-istat tal-konservazzjoni tan-natura fl-Unjoni Ewropea Rapport dwar l-istatus tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats protetti mid-Direttivi dwar l-Għasafar u l-ħabitats u x-xejriet osservati tul il-perjodu 2013-2018", COM/2020/635 final.

- (13) Huwa xieraq li jiġi stabbilit objettiv ġenerali għar-restawr tal-ekosistema biex titrawwem it-trasformazzjoni ekonomika u soċjetali u biex jitrawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u t-tkabbir sostenibbli. L-ekosistemi bijodiversi bħall-artijiet mistagħdra, l-ilma ħelu, il-foresti kif ukoll l-ekosistemi agrikoli, b'veġetazzjoni skarsa, tal-baħar, kostali u urbani jagħtu, jekk ikunu f'kundizzjoni tajba, firxa ta' servizzi essenzjali tal-ekosistemi, u l-benefiċċji li jiġu restawrati l-ekosistemi degradati għal kundizzjoni tajba fiż-żoni kollha tal-art u tal-baħar huma ferm akbar mill-kostijiet tar-restawr. Dawk is-servizzi jikkontribwixxu għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji soċjoekonomiċi, skont il-karatteristiċi ekonomiċi, soċjali, kulturali, reġjonali u lokali.
- (14) Fit-52 sessjoni tagħha f'Marzu 2021, il-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti adottat is-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali - Kontabbiltà tal-Ekosistemi (SEEA EA)¹⁴. Is-SEEA EA tikkostitwixxi qafas statistiku integrat u komprensiv għall-organizzazzjoni ta' data dwar il-ħabitats u l-pajsaġġi, il-kejl tal-firxa, il-kundizzjoni u s-servizzi tal-ekosistemi, it-traċċar tal-bidliet fl-assi tal-ekosistemi, u r-rabta ta' din l-informazzjoni ma' attività ekonomika u attività oħra tal-bniedem.

14 https://seea.un.org/sites/seea.un.org/files/documents/EA/seea_ea_white_cover_final.pdf.

(15) L-iżgurar ta' ekosistemi bijodiversi u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima huma marbuta intrinsikament. In-natura u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, inklużi l-ħażniet u l-bjar tal-karbonju naturali, huma fundamentali għall-ġlieda kontra l-kriżi klimatika. Fl-istess ħin, il-kriżi klimatika diġà hija xprunatur tat-tibdil fl-ekosistema terrestri u tal-baħar, u l-Unjoni trid tħejji għaż-żieda fl-intensità, fil-frekwenza u fit-tifrix tal-effetti tagħha. Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)¹⁵ dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C indika li xi impatti jistgħu jkunu dejjiema jew irriversibbli. Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC¹⁶ jiddikjara li r-restawr tal-ekosistemi se jkun fundamentali biex jgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima kif ukoll fit-tnaqqis tar-riskji għas-sigurtà tal-ikel. Fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tagħha tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES)¹⁷ qieset it-tibdil fil-klima bħala xprunatur ewlieni tat-tibdil fin-natura, u stenniet li l-impatti tagħha jiżdiedu matul id-deċennji li ġejjin, u f'xi każijiet jaqbżu l-impatt ta' xprunaturi oħra tat-tibdil tal-ekosistemi bħal pereżempju t-tibdil fl-użu tal-art u tal-baħar.

-
- 15 Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC): Rapport Speċjali dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C u l-mogħdijiet globali relatati tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, fil-kuntest tat-tisħin tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jiġi eradikat il-faqar [Masson-Delmotte, V., P. Zhai, H.-O. Pörtner, D. Roberts, J. Skea, P.R. Shukla, A. Pirani, W. Moufouma-Okia, C. Péan, R. Pidcock, S. Connors, J.B.R. Matthews, Y. Chen, X. Zhou, M.I. Gomis, E. Lonnoy, T. Maycock, M. Tignor, u T. Waterfield (eds.)] <https://www.ipcc.ch/sr15/>
- 16 [Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà | Tibdil-fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà \(ipcc.ch\)](https://www.ipcc.ch/sr15/).
- 17 IPBES (2019): Ir-rapport ta' valutazzjoni globali dwar il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi. E. S. Brondizio, J. Settele, S. Díaz, u H. T. Ngo (edituri). Segretarjat tal-IPBES, Bonn, il-Ġermanja. 1 148 paġna. <https://doi.org/10.5281/zenodo.3831673>.

- (16) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li tingħata prijorità għat-tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet u, fl-istess ħin, jissaħħaħ l-assorbiment permezz tal-bjar naturali. Ir-restawr tal-ekosistemi jista' jagħti kontribut importanti għaż-żamma, għall-ġestjoni u għat-titjib tal-bjar naturali u għaż-żieda tal-bijodiversità filwaqt li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima. Ir-Regolament (UE) 2021/1119 jirrikjedi wkoll li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jintegraw l-adattament fl-oqsma kollha ta' politika u jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura¹⁹ u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi.
- (17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima mill-2021²⁰ tenfasizza l-hteġa li jiġu promossi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u tirrikonoxxi li l-adattament kosteffettiv għall-bidla fil-klima jista' jinkiseb billi jiġu protetti u rrestawrati l-artijiet mistagħdra u t-torbieri kif ukoll l-ekosistemi kostali u tal-baħar, billi jiġu żviluppati spazji ħodor urbani u jiġu installati bjut u ħitan ħodor u billi jiġu promossi u ġestiti b'mod sostenibbli l-foresti u r-raba' tal-biedja. Li jkun hemm għadd akbar ta' ekosistemi bijodiversi jwassal għal reżiljenza ogħla għat-tibdil fil-klima u jipprovdi forom aktar effettivi ta' tnaqqis u prevenzjoni tad-diżastri.

18 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

19 Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fil-bliet, fil-pajsaġġi tal-art u l-pajsaġġi tal-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fir-riżorsi. Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jridu jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi tal-ekosistemi.

20 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM/2021/82 final).

- (18) Il-politika tal-Unjoni dwar il-klima qed tiġi riveduta sabiex issegwi l-perkors propost fir-Regolament (UE) 2021/1119 biex l-emissjonijiet netti jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990. B'mod partikolari, il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999²¹ għandha l-għan li ssaħħaħ il-kontribut tas-settur tal-art għall-ambizzjoni klimatika ġenerali għall-2030 u tallinja l-oġettivi fir-rigward tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbiment mis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") b'inizjattivi ta' politika relatati dwar il-bijodiversità. Dik il-proposta tenfasizza l-ħtieġa għall-protezzjoni u għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura, għat-titjib tar-reżiljenza tal-ekosistemi għat-tibdil fil-klima, għar-restawr tal-art u tal-ekosistemi degradati, u għat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri. Hija għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra tal-art soġġetta għall-protezzjoni u r-restawr. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-ekosistemi fil-kategoriji kollha tal-art, inklużi l-foresti, l-artijiet bil-ħaxix, l-artijiet tal-għelejjel u l-artijiet mistagħdra, ikunu f'kundizzjoni tajba sabiex ikunu jistgħu jaqdbu u jaħżnu b'mod effettiv il-karbonju.
- (19) L-iżviluppi ġeopolitiċi enfasizzaw aktar il-ħtieġa li tiġi salvagwardjata r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel.²² L-evidenza turi li r-restawr tal-agroekosistemi għandu impatti pożittivi fuq il-produttività tal-ikel fit-tul, u li r-restawr tan-natura jaġixxi bħala polza tal-assigurazzjoni biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-UE fit-tul.

21 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (COM/2021/554 final).

22 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM (2022) 133 final.

- (20) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini jitolbu lill-Unjoni tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-oċeani, telimina t-tniġġis u trawwem l-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u d-djalogi dwar l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-użu tal-enerġija u s-sostenibbiltà.²³
- (21) Ir-restawr tal-ekosistemi, flimkien mal-isforzi biex jitnaqqsu l-kummerċ u l-konsum tal-ħajja selvaġġa, se jgħinu wkoll fil-prevenzjoni u l-bini ta' reżiljenza għal marda komunikabbli futur possibbli b'potenzjal zoonotiku, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' tifqigħat u pandemiji, u jikkontribwixxu biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE u dawk globali biex jiġi applikat l-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u natura reżiljenti f'saħħitha.
- (22) Il-ħamrija hija parti integrali mill-ekosistemi terrestri. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030"²⁴ tiddekrivi l-ħtieġa li tiġi restawrata l-ħamrija degradata u tissaħħaħ il-bijodiversità tal-ħamrija. **Il-Mekkaniżmu Globali u s-segretarjat tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) stabbilew il-Programm ta' Stabbiliment tal-Miri dwar in-Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art biex jgħin lill-pajjiżi jiksbu n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030.**

23 *Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – Rapport dwar l-Eżitu Finali*, Mejju 2022, Proposta 2 (1, 4, 5) p. 44, u Proposta 6 (6) p. 48.

24 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima (COM/2021/699 final).

- (23) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE²⁵ u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ għandhom l-għan li jiżguraw il-protezzjoni, il-konservazzjoni u s-sopravivenza fit-tul tal-aktar speċijiet u habitats siewja u mhedda tal-Ewropa kif ukoll tal-ekosistemi li jaqgħu parti minnhom. Natura 2000, li ġiet stabbilita fl-1992 u hija l-akbar network koordinat ta' żoni protetti fid-dinja, hija l-istrument ewlieni li jimplimenta l-oġettivi ta' dawk iż-żewġ Direttivi. **Bħal dawk iż-żewġ Direttivi, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati, u b'hekk ikun allinjat ukoll mad-Direttiva 2008/56/KE.**
- (24) Diġà jeżistu qafas u gwida²⁷ biex tiġi ddeterminata l-kundizzjoni tajba tat-tipi ta' habitats protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE u biex jiġu ddeterminati l-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Il-miri għar-restawr għal dawk it-tipi ta' habitats u l-habitats tal-ispeċijiet jistgħu jiġu stabbiliti abbażi ta' dak il-qafas u gwida. Madankollu, tali restawr mhux se jkun biżżejjed biex ireġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità u biex jirkupra l-ekosistemi kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi addizzjonali bbażati fuq indikaturi speċifiċi sabiex tittejjeb il-bijodiversità fuq l-iskala ta' ekosistemi usa'.
- (25) Filwaqt li jibnu fuq id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti f'dawk id-Direttivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw l-irkupru tal-habitats u tal-ispeċijiet protetti, inklużi għasafar selvaġġi, fiż-żoni tal-Unjoni, ukoll f'żoni li jaqgħu barra min-Natura 2000.

25 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

26 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

27 DG Ambjent. 2017, "Reporting under Article 17 of the Habitats Directive: Explanatory notes and guidelines for the period 2013-2018" u DG Ambjent 2013 "Interpretation manual of European Union habitats Eur 28".

- (26) Id-Direttiva 92/43/KEE għandha l-għan li żżomm u li tirrestawra, fi status ta' konservazzjoni favorevoli, il-ħabitats naturali u l-ispeċijiet ta' fawna u flora selvaġġi ta' interess għall-Unjoni. Madankollu, ma tistabbilixxix skadenza għall-ilħuq ta' dak il-għan. Bl-istess mod, id-Direttiva 2009/147/KE ma tistabbilixxix skadenza għall-irkupru tal-popolazzjonijiet tal-għasafar fl-Unjoni.
- (27) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti skadenzi għall-istabbiliment ta' miżuri ta' restawr fi ħdan u lil hinn mis-siti ta' Natura 2000, sabiex gradwalment tittejjeb il-kundizzjoni tat-tipi ta' ħabitats protetti madwar l-Unjoni kif ukoll biex dawn jiġu stabbiliti mill-ġdid sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli meħtieġa biex jinkiseb status ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawk it-tipi ta' ħabitats fl-Unjoni. Sabiex tingħata l-flessibbiltà meħtieġa lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sforzi ta' restawr fuq skala kbira, huwa xieraq li t-tipi ta' ħabitats jiġu raggruppati skont l-ekosistema li jappartjenu għaliha u li jiġu stabbiliti l-miri bbażati fuq iż-żona marbuta biż-żmien u kkwantifikati għal gruppi ta' tipi ta' ħabitats. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu liema ħabitats iridu jirrestawraw l-ewwel fi ħdan il-grupp.
- (28) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti simili għall-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u għall-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, filwaqt li titqies b'mod speċjali l-konnettività meħtieġa bejn iż-żewġ ħabitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb.
- (29) Huwa meħtieġ li l-miżuri ta' restawr għat-tipi ta' ħabitats ikunu adegwati u xierqa biex tintlaħaq kundizzjoni tajba u l-erjas ta' referenza favorevoli kemm jista' jkun malajr, bil-għan li jinkiseb l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom. Huwa importanti li l-miżuri ta' restawr ikunu dawk meħtieġa biex jintlaħqu l-miri bbażati fuq iż-żona marbuta biż-żmien u kkwantifikati. Huwa meħtieġ ukoll li l-miżuri ta' restawr għall-ħabitats tal-ispeċijiet ikunu adegwati u xierqa biex jilħqu l-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tagħhom malajr kemm jista' jkun bil-għan li jinkiseb l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet.

(29a) Il-miżuri ta' restawr skont dan ir-Regolament biex jirrestawraw jew iżommu ċerti tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, bħal tipi ta' habitats ta' artijiet bil-ħaxix, artijiet moxa jew artijiet mistagħdra, jistgħu f'ċerti każijiet jeħtieġu t-tneħħija ta' foresta sabiex terġa' tiddaħħal ġestjoni mmexxija mill-konservazzjoni, li tista' tinkludi attivitajiet bħal hsaad jew ragħa. Kemm ir-restawr tan-natura kif ukoll it-twagħqif tad-deforestazzjoni huma objettivi ambjentali importanti li jsaħħu lil xulxin. Kif jissewma' fil-premessa 36 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru [XXXX/2023] dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010, il-Kummissjoni ser tiżviluppa linji gwida biex tiċċara l-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' "użu agrikolu" fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari b'rabta mal-konverżjoni ta' foresti f'art li l-iskop tagħha ma jkunx l-użu agrikolu.

- (30) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-miżuri ta' restawr stabbiliti skont dan ir-Regolament iwasslu għal titjib konkret u li jista' jitkejjel fil-kundizzjoni tal-ekosistemi, kemm fil-livell taż-żoni individwali soġġetti għar-restawr kif ukoll fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.
- (31) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' restawr ikunu effiċjenti u li r-riżultati tagħhom ikunu jistgħu jitkejlu maż-żmien, huwa essenzjali li ż-żoni li huma soġġetti għal tali miżuri ta' restawr, bil-għan li tittejjeb il-kundizzjoni tal-habitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE, biex jiġu stabbiliti mill-ġdid daww il-habitats u biex tittejjeb il-konnettività tagħhom, juru titjib kontinwu sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba.

- (32) Huwa essenzjali wkoll li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr bil-ħsieb li jittejbu l-kwalità u l-kwantità tal-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, kif ukoll il-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, juru tiġib kontinwu biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' kwantità u kwalità suffiċjenti tal-ħabitats ta' tali speċijiet.
- (33) Huwa importanti li tiġi żgurata żieda gradwali taż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE li huma f'kundizzjoni tajba fit-territorju tal-Istati Membri u tal-Unjoni kollha kemm hi, sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' habitat u mill-inqas 90 % fil-livell tal-Istati Membri ta' dik iż-żona tkun f'kundizzjoni tajba, sabiex daww it-tipi ta' ħabitats fl-Unjoni jkunu jistgħu jiksbu status ta' konservazzjoni favorevoli.
- (34) Huwa importanti li tiġi żgurata żieda gradwali fil-kwalità u fil-kwantità tal-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, kif ukoll tal-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, fit-territorju kollu tal-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar tal-Unjoni, sakemm ikun biżżejjed li tiġi żgurata s-sopravivenza fit-tul ta' daww l-ispeċijiet.

(35) Huwa importanti li [...] żoni koperti mit-tipi ta' habitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġetti għal miżuri ta' restawr juru titjib kontinwu sakemm jilhq kundizzjoni tajba, u li dawn imbagħad ma jiddeterjorawx b'mod sinifikanti, sabiex ma jipperikolawx iż-żamma dejjiema jew il-ksib ta' kundizzjoni tajba. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jagħmlu sforzi bl-għan li jipprevjenu deterjorament sinifikanti ta' żoni koperti minn dawn it-tipi ta' habitats jew diġà f'kundizzjoni tajba jew inkella mhux f'kundizzjoni tajba u għadhom mhux soġġetti għal miżuri ta' restawr. Dawn il-miżuri huma importanti biex ma jiżdidux [...] il-ħtiġijiet ta' restawr fil-futur u jenħtieġ li jiffokaw fuq żoni ta' tipi ta' habitats li jeħtieġ li jiġu restawrati sabiex jintlaħqu l-miri għar-restawr, kif identifikat fil-Pjan Nazzjonali ta' Restawr. Huwa xieraq li titqies il-possibbiltà ta' force majeure, bħal diżastri naturali, li tista' tirriżulta f'id-deterjorament ta' żoni koperti minn dawk it-tipi ta' habitats, kif ukoll it-trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima. Barra mis-siti ta' Natura 2000 huwa xieraq li jitqies ukoll ir-riżultat ta' pjan jew proġett ta' interess pubbliku prevalenti, li għalih ma jkun hemm ebda soluzzjoni alternattiva inqas ta' ħsara [...]. Għal żoni soġġetti għar-restawr, jenħtieġ li dan jiġi determinat skont il-każ. Għal siti ta' Natura 2000, il-pjanijiet u l-proġetti huma awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE. Meta żona tiġi ttrasformata minn tip ta' habitat għal ieħor li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bħala riżultat mixtieq ta' miżura ta' restawr, jeħtieġ li ż-żona ma titqiesx li qed tiddeterjora.

(35a) Għall-finijiet tad-derogi mill-obbligi ta' titjib kontinwu u ta' nuqqas ta' deterjorament barra mis-siti tan-Natura 2000 f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jassumu li l-impjanti għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, il-konnessjoni tagħhom mal-grilja, il-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħżin huma ta' interess pubbliku prevalenti, għajr meta jkun hemm evidenza ċara li dawn il-proġetti jkollhom effetti negattivi kbar fuq l-ambjent li ma jistgħux jiġu mitigati jew ikkumpensati, jew fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u speċifiċi, bħal raġunijiet relatati mad-difiża nazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil dawn il-proġetti mill-obbligu li juru li ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi ta' inqas ħsara għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' daww id-derogi, dment li l-proġetti jkunu jinsabu f'żona għat-tħaffif tal-enerġija rinnovabbli jew f'żona ta' infrastruttura dedikata, iddeżinjata fi pjan li jkun ġie adottat f'konformità mal-Artikoli 15c jew 15e tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u għalhekk tkun ġiet soġġetta għal valutazzjoni ambjentali strateġika. Jekk jitqies li dawn l-impjanti huma ta' interess pubbliku prevalenti u, fejn applikabbli, jiġi limitat ir-rekwiżit li jiġu evalwati soluzzjonijiet ta' inqas ħsara, dan jippermetti lil dawn il-proġetti li jibbenefikaw minn valutazzjoni simplifikata fir-rigward tad-derogi għall-valutazzjoni tal-interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament.

(35b) Jenħtieġ li attivitajiet li jkollhom bħala l-uniku skop tagħhom id-difiża jew is-sigurtà nazzjonali jingħataw l-ogħla prijorità u, għalhekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar derogi mill-obbligi ta' titjib kontinwu u nuqqas ta' deterjorament barra mis-siti ta' Natura 2000 f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jassumu li l-pjanijiet u l-proġetti li jikkonċernaw dawn l-attivitajiet huma ta' interess pubbliku prevalenti, għajr fejn ikun hemm evidenza ċara li dawn il-proġetti għandhom effetti negattivi kbar fuq l-ambjent li ma jistgħux jiġu mitigati jew ikkumpensati. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw ukoll lil dawn il-proġetti mill-obbligu li juru li ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi ta' inqas ħsara, iżda jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ miżuri, sa fejn raġonevoli u prattikabbli, bl-għan li jimmitigaw l-impatti fuq it-tipi ta' habitats.

- (36) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni aktar b'saħħha biex jiġu restawrati ekosistemi tal-baħar degradati, inklużi ekosistemi rikki fil-karbonju u żoni importanti għat-trobbija u t-tkabbir tal-ħut. L-Istrateġija ttabbar ukoll li l-Kummissjoni biġsibha tipproponi pjan ta' azzjoni għdid għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar.
- (37) It-tipi ta' habitats tal-baħar elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE huma definiti b'mod wiesa' u jinkludu ħafna subtipi ekoloġikament differenti b'potenzjal ta' restawr differenti, li jagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri ta' restawr xierqa fil-livell ta' daww it-tipi ta' habitats. Għalhekk, it-tipi ta' habitats tal-baħar jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar billi jintużaw il-livelli rilevanti tal-klassifikazzjoni tas-sistema Ewropea ta' informazzjoni dwar in-natura (EUNIS) tal-habitats tal-baħar. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu erjas ta' referenza favorevoli biex jintlaħaq l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli ta' kull wieħed minn daww it-tipi ta' habitats, sa fejn daww iż-żoni ta' referenza ma jkunux diġà indirizzati f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. **Il-grupp ta' tipi ta' habitats ta' sedimenti rotob fil-baħar, li jikkorrispondu għal ċerti tipi ġenerali ta' habitats tal-flora u l-fawna ta' qiegħ il-baħar speċifikati skont id-Direttiva 2008/56/KE, huma rrappreżentati b'mod wiesa' fl-ilmijiet marini ta' diversi Stati Membri. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jillimitaw il-miżuri ta' restawr, li jiddaħħlu fis-seħħ gradwalment, għal proporzjon iżgħar taż-żona ta' dawn it-tipi ta' habitats li mhux f'kundizzjoni tajba, dment li dan ma jipprekludix li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, kif iddeterminat skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/56/KE, partikolarment b'kont meħud tal-valuri ta' limitu għad-deskritturi 1 u 6, stipulati skont l-Artikolu 9(3) ta' dik id-Direttiva, għal-livell tat-telf ta' dawn it-tipi ta' habitats, għall-effetti negattivi fuq il-kundizzjoni ta' dawn it-tipi ta' habitats u għal-livell massimu permissibbli ta' daww l-effetti negattivi.**

- (38) Fejn il-protezzjoni **ta'** habitats kostali u tal-baħar teħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd jew tal-akkwakultura jkunu regolati, tapplika l-politika komuni tas-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸ jipprevedi, b'mod partikolari, li l-politika komuni tas-sajd trid timplimenta l-approċċ għall-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema sabiex jiġi żgurat li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu minimizzati. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li dik il-politika għandha tagħmel hilita biex tiżgura li l-attivitajiet tal-akkwakultura u tas-sajd jevitaw id-degradazzjoni tal-ambjent tal-baħar.
- (39) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' rkupru kontinwu, fit-tul u sostnut ta' natura bijodiversa u reżiljenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet previsti taħt il-politika komuni tas-sajd. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jieħdu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-limitu ta' 12-il mil nawtiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom il-possibbiltà li jaqblu li jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent. Tali miżuri se jiġu vvalutati u adottati skont ir-regoli u l-proċeduri previsti taħt il-politika komuni tas-sajd.

28 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (40) Id-Direttiva 2008/56/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jikkooperaw bilateralment u fi ħdan mekkaniżmi ta' kooperazzjoni reġjonali u subreġjonali, inkluż permezz ta' konvenzjonijiet dwar ibhira reġjonali²⁹, kif ukoll, f'dak li għandu x'jaqşam ma' miżuri tas-sajd, fil-kuntest tal-gruppi reġjonali stabbiliti skont il-politika komuni tas-sajd.
- (41) Huwa importanti li jiġu stabbiliti wkoll miżuri ta' restawr għall-ħabitats ta' ċerti speċijiet tal-baħar, bħall-klieb il-baħar u r-raj, li **pereżempju** jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Animali Selvaġġi **jew tal-listi ta' speċijiet fil-periklu u mhedda tal-Konvenzjonijiet Ewropej dwar l-Ibhira Reġjonali**, iżda barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, peress li għandhom funzjoni importanti fl-ekosistema.
- (42) Sabiex jappoġġaw ir-restawr u n-nuqqas ta' deterjorament tal-ħabitats terrestri, tal-ilma ħelu, kostali u tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiddeżinjaw żoni addizzjonali bħala "żoni protetti" jew "żoni protetti b'mod strett", jimplimentaw miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona, u jippromwovu miżuri privati ta' konservazzjoni tal-art.

29 Il-Konvenzjoni tal-1992 għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Grigal tal-Atlantiku – il-Konvenzjoni OSPAR (OSPAR), il-Konvenzjoni tal-1992 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar fiż-Żona tal-Baħar Baltiku – il-Konvenzjoni ta' Helsinki (HELCOM), il-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran – il-Konvenzjoni ta' Barċellona (UNEP-MAP) u l-Konvenzjoni tal-1992 għall-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed – il-Konvenzjoni ta' Bucharest.

- (43) L-ekosistemi urbani jirrappreżentaw madwar 22 % tas-superfiċje tal-art tal-Unjoni, u jikkostitwixxu ż-żona li fiha jgħixu l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-ispazji hodur urbani jinkludu, **fost l-oħrajn**, foresti urbani, parks u ġonna, azjendi agrikoli urbani, toroq bis-siġar, bwar urbani u hedges urbani. **Bħall-ekosistemi l-oħra indirizzati f'dan ir-Regolament, l-ekosistemi urbani**[...] jipprovdu habitats importanti għall-bijodiversità, b'mod partikolari l-pjanti, l-għasafar u l-insetti, inkluż id-dakkara. Dawn jipprovdu wkoll **ħafna aktar** servizzi vitali oħra tal-ekosistema, inkluż it-tnaqqis u l-kontroll tar-riskju ta' diżastri naturali (eż. għargħar, effetti gżira ta' sħana), it-tkessiġ, ir-rikreazzjoni, il-filtrazzjoni tal-ilma u tal-arja, kif ukoll il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. **Iż-żieda tal-ispazju aħdar urban hija parametru importanti għaż-żieda tal-kapaċità tal-ekosistemi urbani li jipprovdu dawn is-servizzi importanti. Iż-żieda fil-kopertura veġetali f'żona urbana partikolari tnaqqas l-iskol tal-ilma (u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' tniġġis tax-xmajjar minn tifwir tal-ilma tal-maltemp) u tgħin biex iżżomm it-temperaturi tas-sajf baxxi, tibni r-reżiljenza għall-klima, u ttiprovdi spazju addizzjonali biex in-natura tistagħna. Iż-żieda fil-livell tal-ispazju aħdar urban f'ħafna każijiet ser ittejjeb is-saħħa tal-ekosistema urbana. Min-naħa tagħhom, ekosistemi urbani b'saħħithom huma essenzjali biex jappoġġaw is-saħħa ta' ekosistemi Ewropej ewlenin oħra – il-konnessjoni ta' żoni naturali fil-kampanja tal-madwar, it-titjib tas-saħħa tax-xmajjar lil hinn mill-belt, il-provvista ta' kenn u spazju fertili għal speċijiet ta' għasafar u pollinatori marbuta mal-habitats agrikoli u forestali, kif ukoll il-provvista ta' habitats importanti għall-għasafar migratorji, pereżempju.**
- (44) Jeħtieġ li jissaħħu bil-qawwa l-azzjonijiet biex jiżguraw li **l-kopertura ta'** spazji hodur urbani, **speċjalment is-siġar**, ma tibqax friskju li [...] **titnaqqas**. Sabiex jiġi żgurat li l-ispazji hodur urbani jkomplu jipprovdu s-servizzi tal-ekosistemi meħtieġa, it-telfien tagħhom jenħtieġ li jitwaqqaf u jenħtieġ li jiġu restawrati u miżjuda, fost l-oħrajn permezz [...] **tal-integrazzjoni ta'** infrastruttura ħadra u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura[...], bħal bjuż hodur u ħitan hodur fid-disinn tal-bini. **Tali integrazzjoni tista' tikkontribwixxi mhux biss għaż-żona ta' spazju aħdar urban iżda wkoll, jekk tinkludi s-siġar, għaż-żona tal-kopertura urbana bis-siġar.**

- (45) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 titlob sforzi akbar sabiex jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-ilma ħelu u l-funzjonijiet naturali tax-xmajjar. Ir-restawr tal-ekosistemi tal-ilma ħelu jenħtieġ li jinkludi sforzi biex tiġi restawrata l-konnettività naturali [...] tax-xmajjar kif ukoll iż-żoni riparji u l-pjanuri tal-ġhargħar tagħhom, inkluż permezz tat-tneħħija ta' ostakli **artifiċjali** bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli għax-xmajjar, għal-lagi u għall-ħabitats alluvjali u għall-ispeċijiet li jgħixu f'dawk il-ħabitats protetti bid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, u l-kisba ta' wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, jiġifieri, ir-restawr ta' mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar ġierja, **ivvalutat meta mqabbel mal-2020 meta ġiet ikkomunikata l-Istrateġija**. Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri jenħtieġ li jindirizzaw primarjament l-ostakli obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma jew użi oħra.
- (46) Fl-Unjoni, il-pollinaturi naqsu b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, b'waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal u bi speċijiet tal-friefet li qed jonqsu, u waħda minn kull għaxar speċijiet bħal dawn fix-xifer tal-estinzjoni. Il-pollinaturi huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekosistemi terrestri, għall-benesseri tal-bniedem u għas-sigurtà tal-ikel, billi jdakkru l-pjanti selvaġġi u kkultivati. Kważi EUR 5 000 000 000 tal-produzzjoni agrikola annwali tal-UE hija attribwita b'mod dirett għall-insetti pollinaturi³⁰.

30 Vysna, V., Maes, J., Petersen, J.E., La Notte, A., Vallecillo, S., Aizpurua, N., Ivits, E., Teller, A., Kontabbiltà għall-ekosistemi u s-servizzi tagħhom fl-Unjoni Ewropea (INCA). Rapport finali mill-fażi II tal-proġett tal-INCA li għandu l-għan li jiżviluppa proġett pilota għal sistema integrata ta' kontijiet tal-ekosistemi għall-UE. Rapport statistiku. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

(47) Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi³¹ b'rispons għal talbiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi. Ir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva³² wera li għad fadal sfidi sinifikanti fl-indirizzar tal-ixprunaturi tat-tnaqqis tal-pollinaturi, inkluż l-użu tal-pestiċidi. Il-Parlament Ewropew³³ u l-Kunsill³⁴ talbu għal azzjonijiet aktar b'saħħithom biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi u għall-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ fl-Unjoni kollha għall-pollinaturi, u objettivi u indikaturi ċari fir-rigward tal-impenn biex jitreggħa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa ta' governanza u monitoraġġ għal azzjonijiet biex jiġi indirizzat it-theddid għal-pollinaturi³⁵. **Fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat Inizjattiva riveduta tal-UE dwar il-Pollinaturi³⁶. Ir-reviżjoni tistabbilixxi azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030.**

31 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi (COM/2018/395 final).

32 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Progress fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi (COM/2021/261 final).

33 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (2020/2273(INI), disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0277_MT.pdf.

34 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-17 ta' Diċembru 2020 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa (14168/20).

35 Rapport Speċjali 15/2020, https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_15/SR_Pollinators_MT.pdf

36 **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi. Patt ġdid għall-pollinaturi (COM/2023/35 final).**

- (48) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti *[għall-adozzjoni fit-22 ta' Ġunju 2022, inkludi t-titlu u n-numru tal-att adottat meta jkun disponibbli]* għandha l-għan li tirregola wieħed mill-ixprunaturi tat-tnaqqis tal-pollinaturi billi tipprojbixxi l-użu tal-pestiċidi f'żoni ekoloġikament sensitivi, li ħafna minnhom huma koperti minn dan ir-Regolament, pereżempju ż-żoni li jsostnu l-ispeċijiet ta' pollinaturi li l-Listi Ħomor Ewropej³⁷ jikklassifikaw bħala mhedda bl-estinzjoni.
- (49) Ekosistemi agrikoli sostenibbli, reżiljenti u bijodiversi huma meħtieġa biex jipprovdu ikel sikur, sostenibbli, nutrittiv u affordabbli. Ekosistemi agrikoli għonja fil-bijodiversità jżidu wkoll ir-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel u jgħolqu impjiegi ġodda fiż-żoni rurali, b'mod partikolari impjiegi marbuta mal-biedja organika kif ukoll mat-turiżmu rurali u r-rikreazzjoni. Għalhekk, l-Unjoni jeħtieġ li ttejjeb il-bijodiversità fl-artijiet agrikoli tagħha, permezz ta' varjetà ta' Prattiki eżistenti li huma ta' benefiċċju għal jew kompatibbli mat-titjib tal-bijodiversità, inkluża l-agrikolturaestensiva. L-agrikolturaestensiva hija vitali għaż-żamma ta' ħafna speċijiet u habitats f'żoni għonja fil-bijodiversità. Hemm ħafna Prattiki agrikoliestensivi li għandhom benefiċċji multipli u sinifikanti fuq il-protezzjoni tal-bijodiversità, tas-servizzi tal-ekosistema u tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-biedja organika, l-agroekoloġija, l-agroforestrija u l-artijiet bil-ħaxix permanenti ta' intensità baxxa.
- (50) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi agrikoli madwar l-Unjoni, inkluż fiż-żoni mhux koperti minn tipi ta' habitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE. Fin-nuqqas ta' metodu komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi agrikoli li jippermetti l-istabbiliment ta' miri speċifiċi ta' restawr għall-ekosistemi agrikoli, jixraq li jiġi stabbilit obbligu ġenerali biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli u jitkejjel l-issodisfar ta' dak l-obbligu abbażi ta' indikaturi eżistenti.

37 [Lista Ħamra Ewropea - Ambjent - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/eu-ambjenti/Lista_Hamra_Ewropea_-_Ambjent_-_il-Kummissjoni_Ewropea_(europa.eu).pdf)

- (51) Peress li l-għasafar tar-raba' tal-biedja huma magħrufa sew u huma indikaturi ewlenin rikonoxxuti sew tas-saħħa tal-ekosistemi agrikoli, jixraq li jiġu stabbiliti miri għall-irkupru tagħhom. L-obbligu li jintlaħqu dawn il-miri japplika għall-Istati Membri, mhux għall-bdiewa individwali. L-Istati Membri jenħtieġ li jilħqu dawk il-miri billi jistabbilixxu miżuri effettivi ta' restawr fuq ir-raba' tal-biedja, filwaqt li jaħdmu mal-bdiewa u parijiet ikkonċernati oħra u jappoġġawhom għat-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom fuq il-post.
- (52) Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira fuq l-art agrikola, inklużi l-biċċiet art ta' lqugħ, art mistrieħa rotazzjonali jew mhux rotazzjonali, ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew gruppi ta' siġar, ringieli ta' siġar, ġmim madwar l-ġhelieqi, irqajja', fosos, xmajriet, artijiet mistagħdra żgħar, ġhelieqi mtarrġa, cairns, ħitan tal-ġebel, għadajjar żgħar u karatteristiċi kulturali, jipprovdu spazju għal pjanti u annimali selvaġġi, inklużi l-pollinaturi, jipprevjenu l-erożjoni u t-tnaqqis tal-ħamrija, jiffiltraw l-arja u l-ilma, jappoġġaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u l-produttività agrikola tal-għelejjel li jiddependu mill-pollinaturi. Is-siġar produttivi li huma parti minn sistemi agroforestali tar-raba' li jinħadem u elementi produttivi f'hedges mhux produttivi jistgħu jitqiesu wkoll bħala karatteristiċi tal-pajsaġġ b'biodiversità għolja sakemm ma jirċevux fertilizzanti jew trattament bil-pestiċidi u jekk il-ħsad iseħħ biss f'mument fejn dan ma jikkompromettix il-livelli għoljin ta' biodiversità. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit rekwiżit biex tiġi żgurata xejra dejjem tiżdied għas-sehem tal-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira. Tali rekwiżit jippermetti lill-Unjoni tikseb wieħed mill-impenji ewlenin l-oħra tal-Istrateġija tal-UE għall-Biodiversità għall-2030, jiġifieri, li tkopri mill-inqas 10 % taż-żona agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira. Jenħtieġ li jinkisbu wkoll xejriet dejjem jiżdiedu għal indikaturi eżistenti oħra, bħall-indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix u l-istokk tal-karbonju organiku fil-ħamrija minerali użata għall-art tal-għelejjel.

(53) Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandha l-għan li tappoġġa u ssaħħa il-protezzjoni ambjentali, inkluża l-bijodiversità. Fost l-oġettivi speċifiċi tagħha, il-politika għandha l-kontribuzzjoni għall-waqfien u t-treġġiġh lura tat-telfien tal-bijodiversità, it-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi. L-istandard Nru 8 il-ġdid tal-kondizzjonalità tal-PAK dwar il-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT 8)³⁸, jirrikjedi li l-benefiċjarji tal-pagamenti relatati maż-żona jkollhom mill-inqas 4 % tar-raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola ddedikata għal żoni u karatteristiċi mhux produttivi, inkluż art mistrieħa u li jżommu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ eżistenti. Is-sehem ta' 4 % li jrid jiġi attribwit għall-konformità ma' dak l-istandard tal-KAAT jista' jitnaqqas għal 3 % jekk jiġu ssodisfati ċerti prerekwiziti³⁹. Dak l-obbligu se jikkontribwixxi biex l-Istati Membri jilhqax xejra pożittiva fil-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira fuq l-art agrikola. Barra minn hekk, skont il-PAK, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu ekoskemi għall-prattiki agrikoli mwettqa minn bdiewa fuq żoni agrikoli li jistgħu jinkludu ż-żamma u l-ħolqien ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jew żoni mhux produttivi. B'mod simili, il-pjan strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkludu wkoll impenji agroambjentali klimatiċi inkluża l-ġestjoni mtejba tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità KAAT 8 u/jew l-ekoskemi. Il-proġetti LIFE dwar in-natura u l-bijodiversità se jgħinu wkoll biex il-bijodiversità tal-Ewropa fuq l-art agrikola titqiegħed fit-triq tal-irkupru sal-2030, billi jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

38 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1,

39 Meta bidwi jimpenja ruħu li jiddedika mill-inqas 7 % tar-raba' tiegħu li jinħadem għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi, inkluża art mistrieħa, skont ekoskema mtejba jew jekk ikun hemm sehem minimu ta' mill-inqas 7 % ta' raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola li jinkludi wkoll għelejjel tat-titwiq jew għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu, ikkultivati mingħajr l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(54) Ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid⁴⁰ tal-ħamrija organika⁴¹ fl-użu agrikolu (jiġifieri taħt l-użu ta' art bil-ħaxix u art tal-għelejjel) li tikkostitwixxi torbieri skulati jgħinu biex jinkisbu benefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità, tnaqqis importanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u benefiċċji ambjentali oħra, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għal pajsaġġ agrikolu divers. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu minn firxa wiesgħa ta' miżuri ta' restawr għat-torbieri skulati fl-użu agrikolu li jvarjaw mill-konverżjoni tal-art tal-għelejjel għal art bil-ħaxix permanenti sa miżuri ta' estensifikazzjoni akkumpanjati minn tnaqqis fl-iskular, għat-tixrib mill-ġdid sħiħ bl-opportunità ta' użu ta' kultivazzjoni tal-għadajjar, jew l-istabbiliment ta' veġetazzjoni li tiffurma l-pit. L-aktar benefiċċji klimatiċi sinifikanti jinħolqu billi tiġi restawrata u mxarrba mill-ġdid l-art tal-għelejjel u wara tiġi restawrata l-art bil-ħaxix għal użu intensiv. Sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni flessibbli tal-mira għar-restawr għat-torbieri skulati taħt użu agrikolu, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-miżuri ta' restawr u t-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati f'żoni ta' siti tal-estrazzjoni tal-pit kif ukoll, sa ċertu punt, ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati taħt użi oħra tal-art (pereżempju foresta) bħala li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri għat-torbieri skulati taħt użu agrikolu. **Meta debitament ġustifikat, u jekk it-tixrib mill-ġdid ta' torbieri skulati f'użu agrikolu ma jkunx jista' jiġi implimentat minħabba impatti negattivi konsiderevoli fuq il-bini, l-infrastruttura, l-adattament għat-tibdil fil-klima jew interessi pubbliċi oħra u ma jkunx fattibbli li t-torbieri jerġgħu jixxarrbu f'użi oħra tal-art, il-firxa tat-torbieri li għandhom jiġu mxarrba mill-ġdid tista' tiġi stabbilita aktar baxxa mill-Istati Membri.**

40 It-tixrib mill-ġdid huwa l-proċess tat-tibdil ta' ħamrija skulata f'ħamrija mxarrba. Il-Kapitolu 1 tal-IPCC 2014, 2013 u s-Suppliment għal-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006: Artijiet Mistagħdra, Hiraishi, T., Krug, T., Tanabe, K., Srivastava, N., Baasansuren, J., Fukuda, M. u Troxler, T.G. (eds).

41 It-terminu "ħamrija organika" huwa definit fl-IPPC 2006, il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006, Imħejjija mill-Programm tal-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra, Eggleston H.S., Buendia L., Miwa K., Ngara T. u Tanabe K. (eds).

- (55) Sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-bijodiversità, ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid ta' żoni ta' torbieri skulati jenħtieġ li jestendu lil hinn miż-żoni tat-tipi ta' habitats tal-artijiet mistagħdra elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE li jridu jiġu restawrati u stabbiliti mill-ġdid. Id-data dwar il-firxa tal-ħamrija organika kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra tagħhom hija mmonitorjata u magħmula disponibbli mir-rapportar tas-settur tal-LULUCF fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra mill-Istati Membri, ippreżentata lill-UNFCCC. It-torbieri restawrati u mxarrba mill-ġdid jistgħu jkomplu jintużaw b'mod produttiv b'modi alternattivi. Pereżempju, il-kultivazzjoni tal-ġhadajjar, il-prattika tal-biedja fuq torbieri mxarrba, jistgħu jinkludu l-kultivazzjoni ta' diversi tipi ta' qasab, ċerti forom ta' injam, il-kultivazzjoni tat-tuta żerqa u tal-cranberry, il-biedja tal-isphagnum, u r-ragħa bil-buffli tal-ilma. Tali Prattiki jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli u mmirati lejn it-tisħiħ tal-bijodiversità sabiex ikollhom valur għoli kemm finanzjarjament kif ukoll ekoloġikament. Il-kultivazzjoni tal-ġhadajjar tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għal diversi speċijiet li huma fil-periklu fl-Unjoni u tista' tiffaċilita wkoll il-konnettività ta' żoni ta' artijiet mistagħdra u ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet assoċjati fl-Unjoni. Il-finanzjament għal miżuri biex jiġu restawrati u mxarrba mill-ġdid it-torbieri skulati u biex jiġi kkumpensat telf possibbli tal-introjtu jista' jiġi minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluż nefqa taħt il-baġit tal-Unjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni.
- (56) L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030⁴² iddeskriviet il-ħtieġa li tiġi restawrata l-bijodiversità tal-foresti. Il-foresti u art imsaġġra oħra jiksu aktar minn 43,5 % tal-ispazju tal-art tal-UE. L-ekosistemi tal-foresti li jospitaw bijodiversità rikka huma vulnerabbli għat-tibdil fil-klima iżda huma wkoll b'mod naturali favur l-adattament u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u r-riskji relatati mal-klima, inkluż permezz tal-funzjonijiet tagħhom ta' ħażna tal-karbonju u ta' bir tal-karbonju, u jipprovdu ħafna servizzi u benefiċċji vitali oħra tal-ekosistema, bħall-forniment ta' injam, ikel u prodotti oħra mhux tal-injam, regolamentazzjoni tal-klima, stabbilizzazzjoni tal-ħamrija u kontroll tal-erożjoni u l-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma.

42 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (COM/2021/572 final).

(57) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti madwar l-Unjoni, inkluż fiż-żoni mhux koperti minn tipi ta' ħabitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE. Fin-nuqqas ta' metodu komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi tal-foresti li jippermetti l-istabbiliment ta' miri speċifiċi ta' restawr għall-ekosistemi tal-foresti, jixraq li jiġi stabbilit obbligu ġenerali biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti u jitkejjel l-ħarsien ta' dak l-obbligu abbażi ta' indikaturi **ewlenin** eżistenti, bħal inġam mejjet wieqaf u mal-art[...] **u l-indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti**⁴³. Skont it-tip ta' ekosistema forestali, huwa xieraq ukoll li **jitkejjel it-twertiq tal-obbligu abbażi ta' firxa ta' indikaturi oħrain, bħas-sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi, il-konnettività tal-foresti [...] is-sehem tal-foresti ddominat minn speċijiet ta' siġar indiġeni, id-diversità tal-ispeċijiet ta' siġar** u l-istokk ta' karbonju organiku.

43 Indiċi tal-għasafar komuni (aggregat tal-UE) - Settijiet tad-Data tal-Prodotti - Eurostat (europa.eu).

(58) Il-miri u l-obbligi ta' restawr għall-habitats u għall-ispeċijiet protetti skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, għall-pollinaturi u għall-ekosistemi tal-ilma ħelu, urbani, agrikoli u tal-foresti jenħtieġ li jkunu komplementari u jaħdmu f'sinerġija, bil-ħsieb li jintlaħaq l-oġettiv ġenerali li jiġu restawrati l-ekosistemi fiż-żoni kollha tal-art u tal-baħar tal-Unjoni. Il-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tintlaħaq mira speċifika waħda f'haġna każijiet ser jikkontribwixxu għall-kisba ta' miri jew obbligi oħra. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jippjanaw il-miżuri ta' restawr b'mod strateġiku bil-ħsieb li jimmassimizzaw l-effettività tagħhom biex jikkontribwixxu għall-irkupru tan-natura fl-Unjoni. Il-miżuri ta' restawr jenħtieġ li jiġu pplanati wkoll b'tali mod li jindirizzaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-kontroll tal-impatt tad-diżastri naturali, kif ukoll id-degradazzjoni tal-art. Jenħtieġ li jkollhom l-għan li jottimizzaw il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tal-ekosistemi, inkluż il-potenzjal tal-produttività tagħhom, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u l-komunitajiet rilevanti. Huwa importanti li l-Istati Membri jħejju pjanijiet nazzjonali dettaljati ta' restawr ibbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli. [...] [...] **Jenħtieġ li ġudizzji dwar erja ta' referenza favorevoli tat-tipi ta' habitats iqisu rekords dokumentati dwar id-distribuzzjoni storika u ż-żona, kif ukoll dwar il-bidliet ipproġettati fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, huwa importanti** li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fit-tħejjija tal-pjanijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi fit-territorju tagħhom, sabiex il-pjanijiet jirrispondu għall-pressjonijiet, għat-theddid u għall-ixprunaturi rilevanti tat-telfien tal-bijodiversità, u jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżguraw ir-restawr u l-konnettività bejn il-fruntieri.

(59) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti li kienu, u li jridu jiġu stabbiliti biex jipproteġu, jikkonservaw u jirrestawraw in-natura fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom: il-miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000 u l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzata mħejjija f'konformità mad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE; miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE; strateġiji tal-baħar għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għar-reġjuni tal-baħar kollha tal-Unjoni mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2008/56/KE; programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284; strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppati f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni adottati f'konformità mar-Regolament 1380/2013 u miżuri tekniċi adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴.

44 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

- (60) Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) 2018/2001⁴⁵, ir-Regolament (UE) 2018/1999⁴⁶ u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli⁴⁷, b'mod partikolari, matul it-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-potenzjal li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jagħtu kontributi biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-restawr tan-natura.
- (61) Meta titqies l-importanza li jiġu indirizzati b'mod konsistenti l-isfidi doppji tat-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, ir-restawr tal-bijodiversità jenħtieġ li jqis l-użu tal-enerġija rinnovabbli u viċi versa. Il-Komunikazzjoni dwar REPowerEU: L-Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli⁴⁸ tiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li malajr jimmappjaw, jivvalutaw u jiżguraw żoni tal-art u tal-baħar xierqa li huma disponibbli għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, proporzjonati mal-pjanijiet nazzjonali ta' tagħhom għall-enerġija u l-klima, mal-kontributi lejn il-mira riveduta tal-enerġija rinnovabbli għall-2030 u fatturi oħra bħad-disponibbiltà tar-riżorsi, l-infrastruttura tal-grilja u l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità.

45 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

46 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

47 Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

48 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli (COM/2022/108 final).

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija⁴⁹ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija⁵⁰, it-tnejn adottati fit-18 ta' Mejju 2022, jipprevedu wkoll l-identifikazzjoni ta' żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawk huma postijiet speċifiċi, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, partikolarment adatti għall-installazzjoni ta' impjanti għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, għajr l-impjanti ta' kombustjoni tal-bijomassa, fejn l-użu ta' tip speċifiku ta' enerġija rinnovabbli mhuwiex mistenni li jkollu impatti ambjentali sinifikanti, fid-dawl tal-partikolaritajiet tat-territorju magħżul. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu priyorità lis-superfiċċi artifiċjali u mibnija, bħall-bjut, iż-żoni tal-infrastrutturi tat-trasport, iż-żoni tal-parkeġġ, is-siti tal-iskart, is-siti industrijali, il-minjieri, l-istrutturi artifiċjali tal-ilma intern, il-lagi jew il-ġibjuni u, meta xieraq, is-siti ta' trattament tal-ilma urban mormi, u l-art degradata li ma tistax tintuża għall-agrikoltura. Fl-għażla taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw iż-żoni protetti u jikkunsidraw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għar-restawr tan-natura. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-tnejn tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux.

49 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika, COM/2022/222 final.

50 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija, C(2022) 3219 final.

- (62) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji ma' miżuri ta' restawr li diġà ġew ippjanati jew implimentati fl-Istati Membri, jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr jirrikonoxxu dawk il-miżuri ta' restawr u jqisuhom. Fid-dawl tal-urġenza indikata mir-rapport tal-IPCC tal-2022 għat-teħid ta' azzjonijiet dwar ir-restawr ta' ekosistemi degradati, l-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw dawk il-miżuri b'mod parallel mat-tnejn tal-pjanijiet ta' restawr.
- (63) Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr **u l-miżuri għar-restawr tal-habitats kif ukoll il-miżuri għall-prevenzjoni tad-deterjorament tal-habitats** jenħtieġ li jqisu wkoll ir-riżultati tal-proġetti ta' riċerka rilevanti għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi, l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' restawr, u skopijiet ta' monitoraġġ, **u fejn xieraq, iqisu d-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), bħal rekwiżiti soċjali, ekonomiċi u kulturali u karatteristiċi reġjonali u lokali, inkluż id-densità tal-popolazzjoni.**
- (64) Huwa xieraq li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi miżuri speċifiċi biex jappoġġaw lil dawk ir-reġjuni. Kif previst fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tar-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba l-valur tal-bijodiversità eċċezzjonalment rikk tagħhom. **L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu, fuq bażi volontarja, miżuri speċifiċi ta' restawr f'dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**
- (65) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-"EEA") jenħtieġ li tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, kif ukoll fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-miri u l-obbligi ta' restawr. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr humiex adegwati biex jintlaḥqu dawk il-miri u l-obbligi.

(66) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tan-Natura tal-2020 wera li sehem sostanzjali tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁵¹ u mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, b'mod partikolari dwar l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet tal-habitats u tal-ispeċijiet li jipproteġu, ġej minn stħarriġiet parzjali jew huwa bbażat biss fuq ġudizzju espert. Dak ir-Rapport wera wkoll li l-istatus ta' diversi tipi ta' habitats u speċijiet protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE għadu mhux magħruf. Il-mili ta' dawk in-nuqqasijiet fl-għarfien u l-investiment fil-monitoraġġ u s-sorveljanza huma meħtieġa sabiex jiġu sostnuti pjanijiet nazzjonali ta' restawr robusti u bbażati fuq ix-xjenza. Sabiex jiżiedu l-puntwalità, l-effettività u l-koerenza ta' diversi metodi ta' monitoraġġ, il-monitoraġġ u s-sorveljanza jenħtieġ li jagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżultati ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-Unjoni, teknoloġiji ġodda, bħall-monitoraġġ in situ u t-telerilevament bl-użu ta' data u servizzi spazjali pprovduti taħt il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Il-missjonijiet tal-UE "Ir-Restawr tal-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna", "Adattament għat-tibdil fil-klima" u "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-miri għar-restawr⁵².

(66a) Minħabba l-isfidi tekniċi u finanzjarji partikolari assoċjati mal-immappjar u l-monitoraġġ tal-ambjenti tal-baħar, l-Istati Membri jistgħu, bħala żieda għall-informazzjoni rrappurtata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE u skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/56/KE, jużaw informazzjoni dwar pressjonijiet u theddid jew informazzjoni rilevanti oħra bħala bażi għall-estrapolazzjoni meta jivvalutaw il-kundizzjoni tal-habitats tal-baħar elenkati fl-Anness II. Dan l-approċċ jista' għalhekk jintuża wkoll bħala bażi għall-ippjanar ta' miżuri ta' restawr f'habitats tal-baħar f'konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-valutazzjoni ġenerali tal-kundizzjoni tal-habitats tal-baħar elenkati fl-Anness II tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u l-aħħar progress tekniku u xjentifiku.

51 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

52 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Missjonijiet Ewropej COM(2021) 609 final).

- (67) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, il-miżuri ta' restawr implimentati, l-oqsma soġġetti għal miżuri ta' restawr, u d-data dwar l-inventarju tal-ostakli għall-kontinwità tax-xmajjar, jenħtieġ li tiġi introdotta sistema li tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu, iżommu aġġornati u jagħmlu aċċessibbli d-data rilevanti dwar ir-riżultati minn tali monitoraġġ. Ir-rapportar elettroniku tad-data lill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmel użu mis-sistema Reportnet tal-EEA u jenħtieġ li jkollu l-għan li jżomm il-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha kemm jista' jkun limitat. Sabiex tiġi żgurata infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, għar-rapportar u għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi, jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn rilevanti, jibbażaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-data fuq daww imsemmija fid-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³, fid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁴ u fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁵.
- (68) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fuq talba permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku⁵⁶, li jipprovdi appoġġ tekniku mfassal apposta għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tar-riformi. L-appoġġ tekniku jinvolvi, pereżempju, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa leġislattivi, u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki rilevanti.
- (69) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar il-progress li jkun sar mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi ta' restawr ta' dan ir-Regolament abbażi ta' rapporti ta' progress madwar l-Unjoni kollha mfassla mill-EEA kif ukoll analiżi u rapporti oħra magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'oqsma ta' politika rilevanti bħall-politika dwar in-natura, il-baħar u l-ilma.

53 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

54 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

55 Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-infurmazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

56 Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

(70) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa ta' importanza kbira li jsiru investimenti privati u pubbliċi adegwati fir-restawr, u l-Istati Membri jenħtieġ li jintegraw in-nefqa għall-oġġettivi tal-bijodiversità, inkluż fir-rigward tal-kostijiet ta' opportunità u ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, fil-baġits nazzjonali tagħhom u jirriflettu kif jintuża l-finanzjament tal-Unjoni. Fir-rigward tal-finanzjament tal-Unjoni, in-nefqa taħt il-baġit tal-Unjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, bħall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)⁵⁷, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)⁵⁸, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)⁵⁹, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni⁶⁰ u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta⁶¹, kif ukoll il-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa⁶², tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-bijodiversità bl-ambizzjoni li tiddedika 7,5 % fl-2024, u 10 % fl-2026 u fl-2027 tal-infiq annwali skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027⁶³ lill-oġġettivi tal-bijodiversità.

57 Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

58 Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

59 Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

60 Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

61 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231 30.06.2021, p. 1).

62 Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

63 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁶⁴ hija sors ieħor ta' finanzjament għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi. B'referenza għall-Programm LIFE, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-użu xieraq tal-Proġetti Strateġiċi tan-Natura (SNaPs) bħala għodda speċifika li tista' tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, permezz tal-integrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli b'mod effettiv u effiċjenti.

- (71) Hemm firxa ta' inizjattivi tal-UE, nazzjonali u privati disponibbli biex jistimulaw il-financejment privat, bħall-Programm InvestEU⁶⁵, li joffri opportunitajiet biex jiġi mobilizzat il-financejment pubbliku u privat biex jiġi appoġġat inter alia t-titjib tan-natura u tal-bijodiversità permezz ta' proġetti ta' infrastruttura haċċa u blu, u sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bħala mudell tan-negozju ekoloġiku⁶⁶.

(71a) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, huma essenzjali investimenti privati u pubbliċi adegwati għal miżuri ta' restawr tan-natura. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sa 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tagħha u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tippreżenta rapport b'analisi li tidentifika kull nuqqas fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport jenħtieġ li jkun akkumpanjat, fejn xieraq u mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027, minn proposti għal miżuri adegwati, inkluż miżuri finanzjarji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati.

64 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

65 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

66 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli (COM(2021) 800 final).

(71b) F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stipulat fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), huwa f'idejn il-qrati tal-Istati Membri li jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet ta' persuna skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(1) TUE jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"). Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernat ikollhom aċċess għall-ġustizzja.

- (72) L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu approċċ ġust u bejn is-soċjetajiet fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, billi jinkludu proċessi għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku u billi u billi jikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati.
- (73) Skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri nazzjonali fit-tul, u jkunu konsistenti magħhom, miri li jinsabu fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament jew li jirriżultaw minnhom. Dan ir-Regolament dwar ir-restawr tan-natura jenħtieġ li jitqies meta, f'konformità mal-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-Kummissjoni tirrieżamina, sal-31 ta' Diċembru 2025, il-lista stabbilita fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament.

67 Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

- (74) F'konformità mal-impenn fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2030⁶⁸, l-Istati Membri jenħtieġ li jeliminaw gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fil-livell nazzjonali, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu minn strumenti bbażati fuq is-suq u għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku, inklużi dawk meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta, u li jappoġġaw lin-negozji u lil partijiet ikkonċernati oħra fl-iżvilupp ta' prattiki standardizzati tal-kontabbiltà tal-kapital naturali.
- (75) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I sa VII biex jiġu adattati l-gruppi ta' habitats, biex **tiġi adattata l-lista ta' speċijiet ta' għasafar użata għall-** [...] indiċi komuni tal-għasafar tar-raba' tal-biedja, kif ukoll biex tiġi adattata l-lista ta' indikaturi tal-bijodiversità għall-ekosistemi agrikoli, il-lista ta' indikaturi tal-bijodiversità għall-ekosistemi tal-foresti u l-listi **ta' habitats** u speċijiet tal-baħar [...] u l-eżempji ta' miżuri ta' restawr **għall-progress tekniku u xjentifiku, biex titqies l-esperjenza mill-applikazzjoni tar-Regolament jew biex tiġi żgurata konsistenza mat-tipi ta' habitats tal-EUNIS.** Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq **valutazzjonijiet tal-impatt u** konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, [...] f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁵². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

68 [Trid tizzied ir-referenza meta jkun ġie ppubblikat it-8 EAP].

- (76) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-metodu għall-monitoraġġ tal-pollinaturi, biex jiġu speċifikati l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u l-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, biex **jiġu stabbiliti** [...] **oqfsa ta' gwida** għall-istabbiliment tal-livelli sodisfaċenti **ta' spazju aħdar urban, ta' kopertura urbana bis-siġar f'ekosistemi urbani**, ta' pollinaturi, ta' indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u ta' indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, biex jiġi stabbilit format uniformi għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, biex jiġi stabbilit il-format, l-istruttura u arranġamenti dettaljati għar-rapportar tad-data u tal-informazzjoni b'mod elettroniku lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.⁶⁹
- (77) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprova l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri għar-restawr addizzjonali, abbażi ta' metodi komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi mhux koperti mill-Artikoli 4 u 5, filwaqt li titqies l-aktar evidenza xjentifika reċenti.
- (78) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 [...]T[...]E[...]U[...]. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu daww l-oġġettivi.

69 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkontribwixxu għal:
 - (a) l-irkupru kontinwat, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi;
 - (b) l-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, [...] u l-adattament għat-tibdil fil-klima **u newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art**;
 - (c) l-ilħuq tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu [...] miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq iż-żona [...] **bil-għan li b'mod konġunt** ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art tal-Unjoni u **20 % taż-żoni tal-baħar tal-Unjoni** u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku

Dan ir-Regolament japplika għall-ekosistemi msemija fl-Artikoli 4 sa 10:

(a) fit-territorju tal-Istati Membri;

(aa) fl-ilmijiet kostali, kif definit mid-Direttiva 2000/60/KE, tal-Istati Membri, qiegħ il-baħar tagħhom u s-sottoswol tagħhom;

(b) fl-ilmijiet, f'qiegħ il-baħar u fis-sottoswol fuq in-naħa marittima tal-linja bażi li minnha titkejjel il-firxa tal-ilmijiet territorjali li testendi sal-ogħla livell taż-żona fejn Stat Membru **għandu jew** jeżerċita drittijiet sovrani **jew ġurisdizzjoni**, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar id-Dritt tal-Baħar.

Dan ir-regolament japplika biss għal ekosistemi fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ekosistema" tfisser kumpless dinamiku ta' komunitajiet ta' pjanti, annimali, **funġi** u mikroorganiżmi u l-ambjent mhux ħaġ tagħhom, li jinteraġixxu bħala unità funzjonali, u jinkludu tipi ta' habitats, habitats ta' speċijiet u popolazzjonijiet ta' speċijiet;
- (2) "habitat ta' speċi" [...] **tfisser habitat ta' speċi kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE;**

- (3) "restawr" tfisser il-proċess ta' għoti ta' għajnuna attiva jew passiva għall-irkupru ta' ekosistema [...] **sabiex jittejbu l-istruttura u l-funzjonijiet tagħha bl-għan li jiġu kkonservati jew imtejba l-bijodiversità u r-reżiljenza tal-ekosistema[...]; ir-restawr tal-ekosistemi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament isir permezz ta' titjib għal kundizzjoni tajba** ta' tip ta' habitat, [...] **l-istabbiliment mill-ġdid tiegħu għal** żona ta' referenza favorevoli[...] **u t-titjib għal kwalità u kwantità suffiċjenti** ta' habitat ta' speċi [...] **skont l-Artikolu 4, il-paragrafi 1, 2 u 3 u l-Artikolu 5, il-paragrafi 1, 2 u 3[...]** **u l-ilħuq tal-miri u l-obbligi skont l-Artikoli 6 sa 10 inkluż l-ilħuq** [...] ta' livelli sodisfaċenti ta' indikaturi msemmija fl-Artikoli 8 (1), 9 (2) u 10 (2) bħala mezz ta' konservazzjoni jew tisħiħ tal-bijodiversità u r-reżiljenza tal-ekosistema;
- (4) "kundizzjoni tajba" **ta' tip ta' habitat** tfisser stat fejn [...] il-karatteristiċi ewlenin **tiegħu** [...], **b'mod partikolari l-istruttura** [...] u **l-funzjonijiet tiegħu u l-ispeċijiet tipiċi jew il-kompożizzjoni ta' speċijiet tipiċi tiegħu** [...] jirriflettu l-livell għoli ta' integrità ekoloġika, ta' stabbiltà u ta' reżiljenza meħtieġa biex tiġi żgurata ż-żamma fit-tul tiegħu **u b'hekk jikkontribwixxu biex jintlaħaq jew jinżamm status ta' konservazzjoni favorevoli skont l-Artikolu 1, il-punt (e) tad-Direttiva 92/43/KEE, fejn it-tip ta' habitat ikkonċernat ikun elenkat fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, u, f'ekosistemi tal-baħar, jikkontribwixxi għall-kisba jew iż-żamma ta' status ambjentali tajjeb skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE**;

- (5) "erja ta' referenza favorevoli" tfisser l-erja totali ta' tip ta' habitat f'reġjun bijoġeografiku jew f'reġjun tal-baħar partikolari fil-livell nazzjonali li titqies bħala l-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tat-tip ta' habitat u l-ispeċijiet **tipiċi jew il-kompożizzjoni ta' speċijiet tipiċi tiegħu**, jew l-varjazzjonijiet ekoloġiċi sinifikanti kollha tiegħu fil-medda naturali tiegħu, u li hija magħmula mill-erja tat-tip ta' habitat u, jekk dik l-erja ma tkunx biżżejjed, l-erja meħtieġa għall-istabbiliment mill-ġdid tat-tip ta' habitat; **meta t-tip ta' habitat ikkonċernat ikun elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE, tali stabbiliment mill-ġdid jikkontribwixxi biex jintlaħaq status ta' konservazzjoni favorevoli skont l-Artikolu 1, il-punt (e) ta' dik id-Direttiva u, fl-ekosistemi tal-baħar, tali stabbiliment mill-ġdid jikkontribwixxi għall-kisba jew għaż-żamma ta' status ambjentali tajjeb skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;**
- (6) "kwantità suffiċjenti ta' habitat" tfisser il-kwantità ta' habitat ta' speċi li tippermetti li r-rekwiżiti ekoloġiċi ta' speċi jiġu ssodisfati fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha sabiex tkun qed iżżomm lilha nnifisha fuq bażi fit-tul bħala komponent vijabbli tal-habitat tagħha fil-firxa naturali tagħha, **li tikkontribwixxi biex jintlaħaq jew jinżamm status ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet skont l-Artikolu 1, il-punt (i) tad-Direttiva 92/43/KEE għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II, IV jew V ta' dik id-Direttiva u li tiżgura l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u, barra minn hekk, fl-ekosistemi tal-baħar, li tikkontribwixxi għall-kisba jew għaż-żamma ta' status ambjentali tajjeb skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;**

- (7) "kwalità suffiċjenti tal-ħabitat" tfisser il-kwalità ta' ħabitat ta' speċi li tippermetti li r-rekwiżiti ekoloġiċi ta' speċi jiġu ssodisfati fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha sabiex tkun qed iżżomm lilha nnifisha fuq bażi fit-tul bħala komponent vijabbli tal-ħabitat tagħha fil-firxa naturali tagħha, **li tikkontribwixxi biex jintlaħaq jew jinżamm status ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet skont l-Artikolu 1, il-punt (i) tad-Direttiva 92/43/KEE għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness II, IV jew V ta' dik id-Direttiva u li tiżgura l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u, barra minn hekk, fl-ekosistemi tal-baħar, li tikkontribwixxi għall-kisba jew għaż-żamma ta' status ambjentali tajjeb skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;**
- (8) "pollinatur" tfisser [...] **insett** selvaġġ li jittrasporta t-trab tad-dakra mill-antera ta' pjanta għall-istigma ta' pjanta oħra, biex b'hekk tkun tista' ssir il-fertilizzazzjoni u l-produzzjoni taż-żrieragħ;
- (9) "tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pollinaturi" tfisser tnaqqis fl-abbundanza jew fid-diversità, jew fit-tnejn, tal-pollinaturi;
- (9a) "speċijiet ta' siġar indیgeni" tfisser speċi ta' siġar li tinsab fil-firxa naturali tagħha (fil-passat jew fil-preżent) u l-potenzjal ta' tixrid (jiġifieri fil-medda li tokkupa b'mod naturali jew tista' tokkupa mingħajr introduzzjoni jew kura diretta jew indiretta mill-bnedmin);**
- (10) "unità amministrattiva lokali" jew "LAU" tfisser diviżjoni amministrattiva ta' livell baxx ta' Stat Membri taħt dik ta' provinċja, reġjun jew stat, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰;

70 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (*ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1*).

- (10a) "ċentri urbani" u "raggruppamenti urbani" tfisser unitajiet territorjali klassifikati fi bliet u subborgi bl-użu tat-tipoloġija bbażata fuq il-grilji stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4b.2 tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;**
- (11) "bliet" tfisser LAUs fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentru urban wieħed jew aktar, imkejla bl-użu tal-grad ta' urbanizzazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4b.3, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (12) "irħula u subborgi" tfisser LAUs fejn inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentru urban, iżda mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix fi cluster urban, imkejla bl-użu tal-grad ta' urbanizzazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4b.3, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (12a) "żoni periurbani" tfisser żoni biswit ċentri urbani jew raggruppamenti urbani, inkluż mill-inqas iż-żoni kollha f'distanza ta' kilometru mkejla mil-limiti esterni ta' dawk iċ-ċentri urbani jew raggruppamenti urbani, u li jinsabu fl-istess belt jew fl-istess raħal u subborg bħal dawk iċ-ċentri urbani jew raggruppamenti urbani;**
- (13) "spazju aħdar urban" tfisser [...] **l-erja totali kollha ta' siġar, sġajriet, arbuxelli, veġetazzjoni erbaċea permanenti, ħażiż u muski, għadajjar u kanali tal-ilma** [...] jinsabu fil-bliet jew fl-irħula u subborgi kkalkolati abbażi tad-data pprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹, **u, jekk disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat, data supplimentari xierga oħra pprovduta minn dak l-Istat Membru;**

71 Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (14) "kopertura urbana bis-siġar" tfisser l-erja totali ta' kopertura bis-siġar fi bliet u rġula u subborgi, ikkalkolata abbażi tad-data dwar id-Densità tal-Kopertura tas-Siġar ipprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **u, jekk disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat, data supplimentari xierqa oħra pprovduta minn dak l-Istat Membru;[...]**
- (14a) **"xmara ġierja" tfisser xmara jew medda ta' xmara li l-konnettività lonġitudinali, laterali u vertikali tagħha ma tkunx imfixkla minn strutturi artifiċjali li jiffurmaw ostaklu u li l-funzjonijiet naturali tagħha fil-biċċa l-kbira mhumiex affettwati;**
- (14b) **"tixrib mill-ġdid ta' torbiera" huwa l-proċess tat-tibdil ta' ħamrija tal-pit skulata f'ħamrija mxarrba;**
- (15) "żona deżinjata għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli" tfisser żona deżinjata għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif definita fil-punt 9(a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷².

72 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika, COM(2022)222 final.

KAPITOLU II

MIRI U OBBLIGI TA' RESTAWR

Artikolu 4

Restawr ta' ekosistemi terrestri, kostali u tal-ilma ħelu

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jittejbu għal kundizzjoni tajba ż-żoni ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I li mhumiex f'kundizzjoni tajba. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ: [...]

(a) fuq mill-inqas 30 % sal-2030 tal-erja totali tat-tipi ta' habitats kollha elenkati fl-Anness I li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12;

(b) fuq mill-inqas 60 % sal-2040, u fuq mill-inqas 90 % sal-2050 tal-erja ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jistabbilixxu mill-ġdid it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I f'żoni mhux koperti minn dawk it-tipi ta' habitats **bil-għan li tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli tagħhom**. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq żoni li jirrappreżentaw mill-inqas 30 % tas-superfiċje ġenerali addizzjonali meħtieġa biex tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli totali ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, kif ikkwantifikata fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, mill-inqas 60 % ta' dik is-superfiċje sal-2040, u 100 % ta' dik is-superfiċje sal-2050.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr għall-ħabitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-ħabitats tal-art, kostali u tal-ilma ħelu tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE li huma meħtieġa **, flimkien mal-miżuri ta' restawr skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu,** biex tittejjeb il-kwalità u l-kwantità ta' dawk il-ħabitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tissaħħaħ il-konnettività, sakemm jinkisbu kwalità u kwantità suffiċjenti ta' dawk il-ħabitats.
4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħħar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inkluż l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-ħabitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, **permezz tal-użu tal-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, u fejn xieraq billi titqies id-diversità ta' sitwazzjonijiet f'reġjuni varji kif imsemmi fl-Artikolu 11(9a).** [...]
- 4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sa mhux aktar tard mill-2030, li l-kundizzjoni tkun magħrufa għal mill-inqas 90% tal-erja distribwita fuq it-tipi ta' habitati elenkati fl-Anness I. Il-kundizzjoni taż-żoni kollha tat-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I għandha ssir magħrufa sal-2040.**
5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal konnettività mtejbja bejn it-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' ħabitats.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 juru titjib kontinwu fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba, u titjib kontinwu tal-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3, sakemm tintlaħaq il-kwalità suffiċjenti ta' dawk il-habitats. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba, u li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi, ma jiddeterjorawx b'mod **sinifikanti**.
7. L-Istati Membri għandhom, **sa mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14(6), jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa [...] bl-għan li jipprevjenu deterjorament sinifikanti taż-żoni fejn iseħħu t-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, li huma f'kundizzjoni tajba jew li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ta' restawr stipulati fil-paragrafu 1 [...]**.
8. Barra s-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu [...] 6 [...] huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:
- (a) force majeure **inkluż diżastri naturali**;
 - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; [...]
 - (c) **pjan jew** proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhum iex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ; **jew**[...]
 - (d) **azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru kkonċernat mhuwiex responsabbli**.

8a. Barra s-siti ta' Natura 2000, l-obbligu li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri meħtieġa stipulati fil-paragrafu 7 ma japplikax għad-deterjorament ikkawżat minn

- (a) force majeure inkluż diżastri naturali;**
- (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima;**
- (c) pjanijiet jew proġetti ta' interess pubbliku prevalenti li għalihom mhum iex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi inqas dannużi; jew**
- (d) azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru kkonċernat mhuw iex responsabbli.**

9. Għas-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu stabbilit fil-paragrafi 6 u 7, huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:

- (a) force majeure **inkluż diżastri naturali**;
- (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima[...]; jew
- (c) pjan jew proġett awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm:

- (a) żieda fl-erja tal-ħabitat f'kundizzjoni tajba għat-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I sakemm mill-inqas 90 % tkun f'kundizzjoni tajba u sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' ħabitat f'kull reġjun bijoġeografiku **tal-Istat Mebru kkonċernat**[...] [...];
- (b) xejra dejjem tiżdied lejn il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet imsemmija fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-ispeċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

Artikolu 5

Restawr tal-ekosistemi tal-baħar

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jittejbu għal kundizzjoni tajba ż-żoni tat-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness II li mhumiex f'kundizzjoni tajba. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ [...] [...]

(a) fuq mill-inqas 30 % sal-2030 tal-erja totali tat-tipi ta' ħabitats tal-gruppi 1-6 elenkati fl-Anness II li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12;

(b) fuq mill-inqas 60 % sal-2040, u fuq mill-inqas 90 % sal-2050 tal-erja ta' kull grupp mill-gruppi 1-6 ta' tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness II li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12;

(c) fuq żewġ terzi tal-perċentwal, imsemmi fil-punt (d), sal-2040 tal-erja tal-grupp 7 tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, u;

(d) fuq perċentwal, identifikat f'konformità mal-Artikolu 11(2a), sal-2050 tal-erja tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II li mhijiex f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12.

Il-perċentwal, imsemmi fil-punt (d), għandu jiġi stabbilit sabiex ma jwaqqafx milli jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, kif determinat skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/56/KE.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jistabbilixxu mill-ġdid it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II f'żoni mhux koperti minn dawk it-tipi ta' habitats **bil-għan li tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli tagħhom**. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq żoni li jirrappreżentaw mill-inqas 30 % tas-superfiċje ġenerali addizzjonali meħtieġa biex tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli totali ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats, kif ikkwantifikata fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, mill-inqas 60 % ta' dik is-superfiċje sal-2040, u 100 % ta' dik is-superfiċje sal-2050.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr għall-habitats tal-baħar tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness III u fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u għall-habitats tal-baħar tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE, li huma meħtieġa, **flimkien mal-miżuri ta' restawr skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu**, biex tittejjeb il-kwalità u l-kwantità ta' dawk il-habitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tissaħħaħ il-konnettività, sakemm jinkisbu kwalità u kwantità suffiċjenti ta' dawk il-habitats.

4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħħar **progress tekniku u xjentifiku** [...] **fid-determinazzjoni** [...] tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II, [...] u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, **permezz tal-użu tal-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE, [...] l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE u l-Artikolu 17[...] tad-Direttiva 2008/56/KE.** [...]
- 4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, mhux aktar tard mill-2030, li l-kundizzjoni tkun magħrufa għal mill-inqas 50 % tal-erja distribwita fuq it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II. Il-kundizzjoni taż-żoni kollha tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II għandha tkun magħrufa sal-2040.**
5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal **koerenza ekoloġika u** konnettività mtejbja bejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' habitats.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 juru titjib kontinwu fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba, u titjib kontinwu tal-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3, sakemm tintlaħaq il-kwalità suffiċjenti ta' dawk il-habitats. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba, u li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi, ma jiddeterjorawx **b'mod sinifikanti.**

7. L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14(6), jistabbilixxu miżuri meħtieġa [...] bl-għan li jipprevjenu deterjorament sinifikanti taż-żoni fejn iseħħu t-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, li huma f'kundizzjoni tajba jew li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ta' restawr stipulati fil-paragrafu 1 [...]. [...].
8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu [...] 6 [...] huwa ġġustifikat jekk ikkawżat minn:
- (a) force majeure inkluż diżastri naturali;
 - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; [...]
 - (c) pjan jew proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ; jew [...]
 - (d) azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru kkonċernat mhuwiex responsabbli.
- 8a. Barra s-siti ta' Natura 2000, l-obbligu li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri meħtieġa stipulati fil-paragrafu 7 ma japplikax għad-deterjorament ikkawżat minn**
- (a) force majeure inkluż diżastri naturali;
 - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima;
 - (c) pjanijiet jew proġetti ta' interess pubbliku prevalenti li għalihom mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi inqas dannużi; jew
 - (d) azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru kkonċernat mhuwiex responsabbli.

9. Għas-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu stabbilit fil-paragrafi 6 u 7, huwa ġġustifikat jekk ikkawżat minn:
- (a) force majeure **inkluż diżastri naturali**;
 - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-ħabitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima[...]; jew
 - (c) pjan jew proġett awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.
10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm:
- (a) żieda fl-erja tal-ħabitat f'kundizzjoni tajba għat-tipi ta' ħabitats elenkati fil-**gruppi 1–6 tal-Anness II** sakemm mill-inqas 90 % tkun f'kundizzjoni tajba u sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' ħabitat f'kull reġjun bijoġeografiku [...] tal-**Istat Membru kkonċernat**;
 - (aa) żieda fl-erja tal-ħabitat f'kundizzjoni tajba għat-tipi ta' ħabitats elenkati fil-grupp 7 tal-Anness II sakemm tal-inqas il-perċentwal, imsemmi fil-paragrafu 1, punt (d), ikun f'kundizzjoni tajba u sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' ħabitat f'kull reġjun bijoġeografiku tal-Istat Membru kkonċernat**;
 - (b) xejra pożittiva lejn il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats tal-baħar tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness III u fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-ispeċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

Artikolu 5a

Enerġija minn sorsi rinnovabbli

Għall-finijiet tal-Artikoli 4(8) u (8a) u 5(8) u (8a), għandu jkun preżunt li l-ippjanar, il-konstruzzjoni u t-tħaddim ta' impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-konnessjoni tagħhom mal-grilja, u l-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħżin huma ta' interess pubbliku prevalenti. L-Istati Membri jistgħu jeżentawhom mir-rekwiżit li ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi ta' inqas ħsara skont l-Artikolu 4(8) u (8a) u 5 (8) u (8a), jekk ikunu jinsabu f'żona ta' aċċellerazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew f'żona ta' infrastruttura ddedikata, iddeżinjata fi pjan li jkun ġie adottat skont l-Artikoli 15c jew 15e tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u li jkun ġie soġġett għal valutazzjoni ambjentali strateġika f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/42/KE. L-Istati Membri jistgħu f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u speċifiċi jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal ċerti partijiet tat-territorju tagħhom, kif ukoll għal ċerti tipi ta' teknoloġiji jew għal proġetti b'ċerti karatteristiċi tekniċi, f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-restrizzjonijiet applikati u jiġġustifikawhom.

Artikolu 5b

Difiża nazzjonali

Għall-finijiet tal-Artikoli 4 (8) u (8a) u 5 (8) u (8a), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li pjanijiet u proġetti għall-iskop uniku ta' difiża nazzjonali huma preżunti li huma fl-interess pubbliku prevalenti. Għall-finijiet tal-Artikoli 4(8) u (8a) u 5(8) u (8a), l-Istati Membri jistgħu jeżentaw ukoll lil dawn il-pjanijiet u proġetti mir-rekwiżit li ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi ta' inqas ħsara. Madankollu, meta tiġi applikata din l-eżenzjoni, sa fejn raġonevoli u prattiku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi miżuri bl-għan li jtaffu l-impatti fuq it-tipi ta' habitats.

Artikolu 6

Restawr tal-ekosistemi urbani

- 1 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda telf nett fl-erja nazzjonali totali ta' spazju aħdar urban, u ta' kopertura urbana bis-siġar f'żoni ta' ekosistema urbana, iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 11(2b), sal-31 ta' Diċembru 2030, meta mqabbla ma' *[is-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* [...]. Għall-finijiet ta' dan l-obbligu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu minn dik l-erja nazzjonali totali ż-żoni ta' ekosistema urbana tal-bliet u tal-irħula u s-subborgi li fihom is-sehem ta' spazju ekoloġiku urban fiċ-ċentri urbani u r-raggruppamenti urbani tal-belt jew tal-belt u s-subborg ikkonċernat jaqbeż il-50 % u s-sehem ta' kopertura urbana bis-siġar fihom jaqbeż l-10 %.
2. L-Istati Membri għandhom [...] jiksbu minn hemm 'il quddiem xejra ta' [...] żieda fl-erja nazzjonali totali ta' spazju aħdar urban, inkluż permezz tal-integrazzjoni ta' spazju ekoloġiku urban f'bini u infrastruttura, f'żoni tal-ekosistema urbana, determinati f'konformità mal-Artikolu 11(2b), imkejla kull sitt snin wara l-31 ta' Diċembru 2030, sakemm jintlaħaq livell sodisfaċenti identifikat f'konformità mal-Artikolu 11(3)[...].
[...]

3. L-Istati Membri għandhom [...] jiksbu, f'kull żona ta' ekosistema urbana, iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 11(2b), [...]

[...] xejra li qed tiżdied [...] ta' [...] kopertura urbana bis-siġar, imkejla kull sitt snin wara l-31 ta' Diċembru 2030, sakemm jintlaħaq il-livell sodisfaċenti identifikat f'konformità mal-Artikolu 11(3), [...]

[...]

Artikolu 7

Restawr tal-konnettività naturali tax-xmajjar u tal-funzjonijiet naturali tal-imqagħad relatati

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu inventarju tal-ostakli artifiċjali għall-[...]konnettività tal-ilmijiet tas-superfiċje, filwaqt li jqisu l-funzjonijiet soċjoekonomiċi, jidentifikaw l-ostakli li jeħtieġ li jitneħħew biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' restawr stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u tal-oġettiv li jiġu restawrati mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar fi xmajjar ġierja fl-Unjoni sal-2030, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/60/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 4(3), 4(5) u 4(7) tagħha, u għar-Regolament 1315/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.
2. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli artifiċjali għall-[...] konnettività tal-ilmijiet tas-superfiċje [...] abbażi ta' inventarju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-pjan għat-tneħħija tagħhom imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punti (e) u (f). Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw primarjament l-ostakli obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma, għall-protezzjoni mill-għargħar, jew għal użi oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw it-tneħħija tal-ostakli msemmija fil-paragrafu 2 bil-miżuri meħtieġa biex jittejjbu l-funzjonijiet naturali tal-imqagħad relatati.
4. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinżamm il-konnettività naturali tax-xmajjar u l-funzjonijiet naturali tal-pjanuri tal-għargħar relatati restawrati skont il-paragrafi 2 u 3.**

Artikolu 8

Restawr tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi

1. L-Istati Membri għandhom ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi sal-2030 u minn hemm 'il quddiem jiksbu xejra dejjem tiżdied ta' popolazzjonijiet tal-pollinaturi, imkejla kull [...] **sitt** snin wara l-2030, sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti, kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11(3).
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodu għall-monitoraġġ tal-popolazzjonijiet ta' pollinaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).
3. Il-metodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jipprovdi approċċ standardizzat għall-ġbir ta' data annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinaturi u għall-valutazzjoni tax-xejriet fil-popolazzjoni tal-pollinaturi.

Artikolu 9

Restawr tal-ekosistemi agrikoli

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli, minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).

2. L-Istati Membri għandhom jiksibu xejra dejjem tiżdied fil-livell nazzjonali ta' kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi agrikoli, kif speċifikat ulterjorment fl-Anness IV, imkejla fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull [...] **sitt** snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):
- (a) indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix;
 - (b) ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija minerali użata fl-artijiet tal-għelejjel;
 - (c) sehem tal-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw li l-indiċi tal-għasafar komuni tar-raba' tal-biedja fil-livell nazzjonali bbażat fuq l-ispeċijiet speċifikati fl-Anness V, indiċjat fi ... *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* = 100, jilħaq il-livelli li ġejjin:
- (a) 110 sal-2030, 120 sal-2040 u l-130 sal-2050, għall-Istati Membri elenkati fl-Anness V b'popolazzjonijiet storikament aktar eżawriti ta' għasafar tar-raba' tal-biedja;
 - (b) 105 sal-2030, 110 sal-2040 u l-115 sal-2050, għall-Istati Membri elenkati fl-Anness IV b'popolazzjonijiet storikament anqas eżawriti ta' għasafar tar-raba' tal-biedja.
4. Għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ tal-anqas fuq:
- (a) 30 % ta' tali żoni sal-2030, li mill-inqas kwart minnhom għandhom jergġhu jiġu mxarrba;
 - (b) **40**[...] % ta' tali żoni sal-2040, li minnhom mill-inqas nofs għandhom jergġhu jiġu mxarrba;
 - (c) **50**[...] % ta' tali żoni sal-2050, li minnhom mill-inqas nofs għandhom jergġhu jiġu mxarrba.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri ta' restawr, inkluż it-tixrib mill-ġdid, f'żoni ta' siti ta' estrazzjoni tal-pit u jgħoddu dawk iż-żoni bħala li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri rispettivi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c).

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex ixarrbu mill-ġdid il-ħamrija organika li tikkostitwixxi torbieri skulati taħt użi tal-art għajr l-użu agrikolu u l-estrazzjoni tal-pit u jgħoddu dawk iż-żoni mxarrba mill-ġdid bħala li jikkontribwixxu, sa massimu ta' **40**[...] %, għall-kisba tal-miri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c).

Il-miżuri ta' restawr li jikkonsistu fit-tixrib mill-ġdid tat-torbiera, inkluż il-livelli tal-ilma li għandhom jinkisbu, għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra u għaż-żieda fil-bijodiversità, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali.

Fejn debitament ġustifikat, il-firxa tat-tixrib mill-ġdid tat-torbiera f'agrikolu tista' titnaqqas għal inqas minn dak meħtieġ skont il-punti (a), (b) u (c) minn Stat Membru jekk tali tixrib mill-ġdid x'aktarx li jkollu impatti negattivi sinifikanti fuq l-infrastruttura, il-bini, l-adattament għat-tibdil fil-klima jew interessi pubbliċi oħra u jekk it-tixrib mill-ġdid ma jkunx jista' jseħħ fuq art oħra għajr art agrikola. Tali tnaqqis għandu jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 11(4b).

Artikolu 10

Restawr tal-ekosistemi tal-foresti

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti, minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).

2. L-Istati Membri għandhom jiksbu xejra dejjem tiżdied fil-livell nazzjonali ta' kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi tal-foresti, kif stabbilit ulterjorment fl-Anness VI, imkejlja fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull [...] **sitt** snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):

(a) injam mejjet wieqaf;

(b) injam mejjet mal-art;

[...]

[...]

([...]**c**) indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti[...]

[...].

2a. L-Istati Membri għandhom jiksbu xejra ta' żieda fil-livell nazzjonali ta' tlieta mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi tal-foresti, kif stabbilit ulterjorment fl-Anness VI, magħżula abbażi tal-kapaċità tagħhom li juru t-titjib tal-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti fl-Istat Membru kkonċernat. Ix-xejra għandha titkejjel mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull sitt snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):

(a) sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi;

(b) konnettività tal-foresti;

(c) ħażna ta' karbonju organiku;

(d) sehem ta' foresti ddominati minn speċijiet ta' siġar indiġeni;

(e) diversità tal-ispeċijiet tas-siġar.

3. In-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 2a huwa ġġustifikat jekk ikkawżat minn:

- (a) forza maġġuri fuq skala kbira, inkluż diżastri naturali, b'mod partikolari nirien mhux ippjanati u mhux ikkontrollati; jew**
- (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima.**

KAPITOLU III
PJANIJET NAZZJONALI TA' RESTAWR

Artikolu 11

Thejjiġa tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr

1. L-Istati Membri għandhom iħejju pjaniġiet nazzjonali ta' restawr u għandhom iwettqu l-monitoraġġ u r-riċerka preparatorja meħtieġa biex jidentifikaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, filwaqt li jqisu l-aħħar evidenza xjentifika.
2. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw l-erja li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 filwaqt li jqisu l-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats imsemmija fl-Artikoli 4(1), 4(2), 5(1) u 5(2) u l-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 5(3)[...]. Il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) għal kull tip ta' habitat:
 - (i) l-erja totali tal-habitat u mappa tad-distribuzzjoni attwali tagħha;
 - (ii) l-erja tal-habitat li mhijiex f'kundizzjoni tajba;

- (iii) l-erja ta' referenza favorevoli filwaqt li jitqiesu **reġistri ta' distribuzzjoni storika [...]** u t-tibdil previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;
- (iv) iż-żoni l-aktar adattati għall-istabbiliment mill-ġdid tat-tipi ta' habitats ta' tibdil kontinwu u previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;
- (b) il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċijiet meħtieġa għall-kisba tal-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom, filwaqt li jitqiesu iż-żoni l-aktar xierqa għall-istabbiliment mill-ġdid ta' dawk il-habitats, u l-konnettività meħtieġa bejn il-habitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb, kif ukoll il-bidliet kontinwi u mbassra fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima.

(ba) Għall-fini tal-kwantifikazzjoni tal-erja ta' kull tip ta' habitat li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri tar-restawr stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) u fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1), l-erja tal-habitat li ma tkunx f'kundizzjoni tajba msemmija fil-punt (a)(ii) għandha tinkludi biss dawk iż-żoni li għalihom tkun magħrufa l-kundizzjoni.

(bb) Għall-fini tal-kwantifikazzjoni tal-erja ta' kull tip ta' habitat li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri tar-restawr stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1), l-erja tal-habitat li mhijiex f'kundizzjoni tajba msemmija fil-punt (a)(ii) għandha tinkludi biss dawk iż-żoni li għalihom il-kundizzjoni hija magħrufa jew trid tkun magħrufa skont l-Artikoli 4(4a) u 5(4a).

2a. Fir-rigward tal-grupp 7 tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 5(1), punt (d).

2b. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw u jimmappjaw iż-żoni tal-ekosistema urbana kif imsemmi fl-Artikolu 6 għall-bliet u l-irħula u s-subborgi kollha tagħhom.

Iż-żona tal-ekosistema urbana ta' belt jew ta' belt u subborg għandha tinkludi:

- (a) il-belt jew il-belt żgħira u s-subborg kollha; jew**
- (b) partijiet tal-belt jew tal-belt żgħira u s-subborg, inkluż mill-inqas iċ-ċentri urbani, il-clusters urbani u, jekk jitqies xieraq mill-Istat Membru kkonċernati, iż-żoni periurbani.**

L-Istati Membri jistgħu jaggregaw iż-żoni tal-ekosistema urbana ta' żewġ bliet u/jew irħula u subborgi li jmissu magħhom jew aktar f'żona tal-ekosistema urbana waħda komuni għal dawk il-bliet u/jew il-bliet żgħar u s-subborgi.

- 3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-2030, livelli sodisfaċenti għal kull wieħed mill-indikaturi msemmija fl-Artikoli 8(1), 9(2), [...] 10(2), **għal kull wieħed mill-indikaturi magħżula fl-Artikolu 10(2a) u għall-ispazju ekoloġiku urban imsemmi fl-Artikolu 6(2) u għall-kopertura urbana bis-siġar imsemmija fl-Artikolu 6(3),** permezz ta' proċess u valutazzjoni miftuħa u effettivi, abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika [...], il-qafas ta' **gwida** msemmi fl-Artikolu 17(9a) **u, jekk disponibbli, il-qafas ta' gwida msemmi fl-Artikolu 17(9).**
- 4. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jimmappjaw iż-żoni agrikoli u tal-foresti li jeħtieġu restawr, b'mod partikolari ż-żoni li, minħabba fatturi ta' intensifikazzjoni jew ta' ġestjoni oħra, jeħtieġu konnettività mtejba u diversità tal-pajsaġġ.

4a. L-Istati Membri jistgħu, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iżviluppaw metodoloġija biex jikkomplementaw il-metodoloġija msemmija fl-Anness IV, sabiex jimmonitorjaw karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira mhux koperti mill-metodu komuni msemmi fid-deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira f'dak l-Anness. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi gwida dwar il-qafas għall-iżvilupp ta' tali metodoloġija fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4b. L-Istati Membri għandhom, fejn applikabbli, jiddeterminaw it-tnaqqis tal-firxa tat-torbiera għat-tixrib mill-ġdid kif imsemmi fl-Artikolu 9(4), il-ħames subparagrafu.

5. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw sinerġiji mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mal-adattament għat-tibdil fil-klima, man-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art u mal-prevenzjoni tad-diżastri u għandhom jagħtu prijorità lill-miżuri ta' restawr kif xieraq. L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll:
- (a) il-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
 - (b) l-istrateġija fit-tul tagħhom imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
 - (c) il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
6. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-tnejn tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri għandhom li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux.

7. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu **b'mod partikolari** dan li ġej:
- (a) il-miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;
 - (b) oqfsa ta' azzjoni prijoritizzata mħejjija f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;
 - (c) miżuri għall-kisba ta' status **kwantitattiv**, ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fi **programmi ta' miżuri u** pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċiri tax-xmajjar imħejjija skont id-Direttiva 2000/60/KE **u pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar stabbiliti skont id-Direttiva 2007/60/KE**;
 - (d) **fejn applikabbli**, strateġiji tal-baħar għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għar-reġjuni tal-baħar kollha tal-Unjoni mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2008/56/KE;
 - (e) programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284;
 - (f) strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppati f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;
 - (g) **fejn applikabbli**, miżuri ta' konservazzjoni **u ġestjoni** adottati skont il-politika komuni tas-sajd;
 - (h) **Il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK imfassla f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115**;
8. L-Istati Membri **jistgħu** [...], meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, jagħmlu użu mill-eżempji differenti ta' miżuri ta' restawr elenkati fl-Anness VII, skont il-kundizzjonijiet nazzjonali u lokali speċifiċi, u l-aħħar evidenza xjentifika.

9. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jottimizzaw il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tal-ekosistemi kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u l-komunitajiet rilevanti.
- 9a **L-Istati Membri jistgħu, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, iqisu d-diversità tas-sitwazzjonijiet f'diversi reġjuni relatati ma' rekwiżiti soċjali, ekonomiċi u kulturali, karatteristiċi reġjonali u lokali u d-densità tal-popolazzjoni. Fejn xieraq, jenħtieġ li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.** 10. L-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, irawmu sinerġiji mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr ta' Stati Membri oħra, b'mod partikolari għal ekosistemi li jaqsmu l-fruntieri **jew fejn l-Istati Membri jikkondividu reġjun jew subreġjun tal-baħar skont it-tifsira tad-Direttiva 2008/56/KE.**
- 10a. **L-Istati Membri jistgħu, fejn prattiku u xieraq, għall-fini tal-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali ta' restawr, fir-rigward tar-restawr u l-istabbiliment mill-ġdid tal-ekosistemi tal-baħar, jużaw strutturi ta' kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali eżistenti.**
- 10b. **Fejn l-Istati Membri jidentifikaw kwistjoni li x'aktarx twaqqaf il-ħarsien tal-obbligi għar-restawr u l-istabbiliment mill-ġdid tal-ekosistemi tal-baħar u li teħtieġ miżuri li għalihom mhumiex kompetenti, huma għandhom, individwalment jew flimkien, jindirizzaw, fejn ikkonċernati, l-Istati Membri, il-Kummissjoni jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'deskrizzjoni tal-kwistjonijiet identifikati[...] u miżuri possibbli, bil-ħsieb li jitqiesu u possibbilment jiġu adottati.**
11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tħejjija tal-pjan ta' restawr tkun miftuħa, inklużiva u effettiva u li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fl-elaborazzjoni tiegħu. Il-konsultazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti [...]fid-Direttiva 2001/42/KE.

Artikolu 12

Kontenut tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr

1. Il-pjan nazzjonali ta' restawr għandu jkopri l-perjodu sal-2050, bi skadenzi intermedji li jikkorrispondu għall-miri u għall-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10.

1a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-pjan nazzjonali ta' restawr li għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikoli 13 u 14(6) jista', fir-rigward tal-perjodu lil hinn minn Ġunju 2032, u sakemm jiġi rieżaminat f'konformità mal-Artikolu 15(1), ikun limitat għal ħarsa ġenerali strateġika lejn:

(a) l-elementi msemmija fil-paragrafu 2, u;

(b) il-kontenut msemmi fil-paragrafi 3 u 3a.

Il-pjan nazzjonali ta' restawr rivedut li jirriżulta mir-rieżami li għandu jsir qabel Lulju 2032 f'konformità mal-Artikolu 15(1) jista', fir-rigward tal-perjodu wara Ġunju 2042, u sa ma jiġi rivedut qabel Lulju 2042 f'konformità mal-Artikolu 15(1), ikun limitat għal ħarsa ġenerali strateġika lejn dawk l-elementi u l-kontenut.

2. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin fil-pjan nazzjonali ta' restawr tagħhom, bl-użu tal-format uniformi stabbilit f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu:
 - (a) il-kwantifikazzjoni taż-żoni li jridu jiġu restawrati biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 abbażi tal-ħidma preparatorja mwettqa f'konformità mal-Artikolu 11 u mapep [...] **indikattivi**[...] ta' żoni **potenzjali li għandhom jiġu restawrati**.
 - (b) deskrizzjoni tal-miżuri ta' restawr ippjanati, jew stabbiliti, biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 u speċifikazzjoni dwar liema minn dawk il-miżuri ta' restawr huma pplanati, jew implimentati, fi ħdan in-network ta' Natura 2000 stabbilit f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;

(ba) taqsima ddedikata li tistabbilixxi l-miżuri biex jintlaħqu l-obbligi fl-Artikoli 4(4a) u 5(4a);

(c) indikazzjoni tal-miżuri biex jiġi żgurat li ż-żoni koperti mit-tipi ta' habitats elenkati fl-Annessi I u II ma jiddeterjorawx fiż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba u li l-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 4(3) u 5(3) ma jiddeterjorawx fiż-żoni li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi, f'konformità mal-Artikoli 4(6) u 5(6);

(d) indikazzjoni tal-miżuri **bl-għan li t-tipi ta' habitats elenkati fl-Annessi I u II jinżammu f'kundizzjoni tajba f'żoni fejn iseħħu u bl-għan li [...] jiġi evitat deterjorament sinifikanti ta' [...] żoni oħra koperti minn tipi ta' habitats elenkati fl-Annessi I u II [...], f'konformità mal-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 5(7);**

(e) l-inventarju tal-ostakli u l-ostakli identifikati għat-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 7(1), il-pjan għat-tneħħija tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7(2) u [...] t-tul tax-xmajjar gjerja, ħaġa li għandha tinkiseb bit-tneħħija ta' dawk l-ostakli **stmati mill-2020 sal-...2030 u [...] sal-2050**, u kwalunkwe miżura oħra biex jiġu stabbiliti mill-ġdid il-funzjonijiet naturali tal-imqagħad f'konformità mal-Artikolu 7(3);

(ea) ġustifikazzjoni, fejn applikabbli, għat-tixrib mill-ġdid tat-torbiera fuq proporzjon aktar baxx minn kif stabbilit fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4);

(eb) rendikont tal-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti magħżula skont l-Artikolu 10(2a), u l-adegwatezza tagħhom li juru t-titjib tal-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti fl-Istat Membru kkonċernat;

- (f) iż-żmien għall-istabbiliment tal-miżuri ta' restawr f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10;
- (g) taqsima ddedikata li tistabbilixxi miżuri ta' restawr imfassla apposta fir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom, kif applikabbli;
- (h) il-monitoraġġ taż-żoni soġġetti għar-restawr f'konformità mal-Artikoli 4 u 5, il-proċess għall-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' restawr stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10 u għar-reviżjoni ta' dawk il-miżuri fejn meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10;
- (i) indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet biex jiġu żgurati l-effetti kontinwi, fit-tul u sostnuti tal-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikoli 4 sa 10;
- (j) il-kobenefiċċji stmati għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima **u n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art** assoċjati mal-miżuri ta' restawr maż-żmien, kif ukoll benefiċċji soċjoekonomiċi usa' ta' dawk il-miżuri;
- (k) taqsima ddedikata li tistabbilixxi kif il-pjan nazzjonali ta' restawr iqis:
- (i) ir-rilevanza tax-xenarji tat-tibdil fil-klima għall-ippjanar tat-tip u tal-post tal-miżuri ta' restawr;
 - (ii) il-potenzjal ta' miżuri ta' restawr għall-imminimizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq in-natura, għall-prevenzjoni **jew il-mitigazzjoni tal-effetti ta'** diżastri naturali u għall-appoġġ għall-adattament;
 - (iii) sinerġiji ma' strateġiji jew pjanijiet nazzjonali ta' adattament u rapporti nazzjonali ta' valutazzjoni tar-riskju ta' diżastri;
 - (iv) ħarsa ġenerali lejn l-interazzjoni bejn il-miżuri inklużi fil-pjan nazzjonali ta' restawr u l-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima;

- (l) il-ħtiġijiet ta' finanzjament stmati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr, li għandhom jinkludu d-deskrizzjoni tal-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati affettwati minn miżuri ta' restawr jew obbligi ġodda oħra li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u l-mezzi ta' finanzjament maħsuba, pubbliċi jew privati, inkluż il-(ko)finanzjament bl-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni;
 - (m) indikazzjoni tas-sussidji li jaffettwaw b'mod negattiv l-ilħuq tal-miri u t-twettiq tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (n) sommarju tal-proċess għat-tħejjija u l-istabbiliment tal-pjan nazzjonali ta' restawr, inkluża informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni pubblika u dwar kif ġew ikkunsidrati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati;
 - (o) taqsima ddedikata li tindika kif tqiesu l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 14(4) f'konformità mal-Artikolu 14(5). Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizzax osservazzjoni mill-Kummissjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi r-raġunijiet tiegħu.
3. Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr għandhom, fejn applikabbli, jinkludu l-miżuri ta' konservazzjoni **u ġestjoni** li Stat Membru jkollu l-ħsieb li jadotta skont il-politika komuni tas-sajd, inklużi miżuri ta' konservazzjoni frakkomandazzjonijiet konġunti li Stat Membru jkollu l-ħsieb li jibda f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar dawk il-miżuri.

3a. Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr għandhom jinkludu ħarsa ġenerali lejn l-interazzjoni bejn il-miżuri inklużi fil-pjan nazzjonali ta' restawr u l-pjan strateġiku nazzjonali skont il-politika agrikola komuni.

3b Fejn xieraq, il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr għandhom jinkludu ħarsa ġenerali lejn kunsiderazzjonijiet relatati mad-diversità tas-sitwazzjonijiet f'diversi reġjuni kif imsemmi fl-Artikolu 11(9a)

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi format uniformi għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) meta tfassal il-format uniformi. **Sa [data = l-ewwel jum tax-xahar wara tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1).**

Artikolu 13

Preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikoli 11 u 12 lill-Kummissjoni sa... *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

Artikolu 14

Valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla. Waqt li twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat.

2. Meta tivvaluta l-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr, il-Kummissjoni għandha tevalwa
- (a)** in-nuqqas ta' konformità tagħha mal-Artikolu 12; [...]
- (b)** [...] l-adegwatezza tagħha biex tilħaq il-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10; [...]
- (c) il-kontribut tagħha** [...] għall-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 7(1) għar-restawr ta' mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar fi xmajjar bi fluss liberu fl-Unjoni sal-2030 u l-oġġettiv tal-2030 li mill-inqas 10 % taż-żona agrikola tal-Unjoni tiġi koperta b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira.
3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn esperti jew mill-EEA.
4. Il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tal-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr.
5. L-Istati Membri għandhom iqisu [...] kwalunkwe osservazzjoni mill-Kummissjoni fil-pjan nazzjonali ta' restawr finali tagħhom.
6. L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw, jippubblikaw u jissottomettu lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali ta' restawr fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tal-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni.

Artikolu 15

Rieżami tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr

1. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw **u jirrevedu** l-pjan nazzjonali ta' restawr tagħhom **u jinkludu miżuri supplimentari qabel Lulju 2032 u qabel Lulju 2042.** Mill-inqas darba kull 10 snin **wara, l-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw il-pjan nazzjonali ta' restawr tagħhom u, jekk meħtieġ, jirreveduh u jinkludu miżuri supplimentari.** [...] **Ir-rieżamijiet għandhom isiru** f'konformità mal-Artikoli 11 u 12, filwaqt li jqisu l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli kif ukoll l-għarfien disponibbli dwar il-bidliet jew il-bidliet mistennija fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima. **Fir-rieżamijiet li għandhom jitwettqu qabel Lulju 2032 u qabel Lulju 2042, l-Istati Membri għandhom iqisu t-tagħrif dwar il-kondizzjoni tat-tipi ta' habitat elenkati fl-Annessi I u II miksuba skont l-obbligi fl-Artikoli 4 (4a) u 5 (4a). L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali ta' restawr rivedut tagħhom.**
2. [...] **Fejn il-monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 17 jindika** li l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali ta' restawr mhux ser ikunu biżżejjed biex jikkonformaw mal-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, [...] **l-Istat Membru** [...] għandu **jirrieżamina** l-pjan nazzjonali ta' restawr, **u jekk meħtieġ jirrevedih** u jinkludi miżuri supplimentari. **L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali ta' restawr rivedut.**

3. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2) u l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(4) u (5), jekk il-Kummissjoni tqis li l-progress li jkun sar minn Stat Membru mhuwiex biżżejjed biex jikkonforma mal-miri u mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, il-Kummissjoni tista', **wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat**, titlob lill-Istat Membru [...]jissottometti [...] abbozz **rivedutta** pjan nazzjonali ta' restawr b'miżuri supplimentari. Dak il-pjan nazzjonali ta' restawr **rivedut** b'miżuri supplimentari għandu jiġi ppubblikat u ppreżentat fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tat-talba mill-Kummissjoni. **Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat u fejn debitament ġustifikat, il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskadenza b'sitt xhur addizzjonali.**

Artikolu 16

[...]

[...][...][...][...]

KAPITOLU IV

MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

Artikolu 17

Monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw dan li ġej:
 - (a) il-kundizzjoni u x-xejra fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats u l-kwalità u x-xejra fil-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 fiż-żoni soġġetti għal miżuri ta' restawr abbażi tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (h);
 - (b) iż-żona ta' spazju ekoloġiku urban u kopertura urbana **bis-siġar f'żoni tal-ekosistema urbana determinati f'konformità ma' 11(2b)** [...], kif imsemmi fl-Artikolu 6;
 - (c) l-indikaturi tal-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV;
 - (d) il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet komuni tal-għasafar tar-raba' tal-biedja elenkati fl-Anness V;

- (e) it-tliet indikaturi tal-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti elenkati [...] fl-Artikolu 10(2)[...]



(ea) tlieta mill-indikaturi tal-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Artikolu 10 (2a), magħżula mill-Istat Membru;

- (f) l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinaturi, skont il-metodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 8(2);
 - (g) l-erja u l-kundizzjoni taż-żoni koperti mit-tipi ta' habitats elenkati fl-Annessi I u II[...];
 - (h) l-erja u l-kwalità tal-habitat tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3), u fl-Artikolu 5(3) [...].
2. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jibda malli jiġu stabbiliti l-miżuri ta' restawr.
3. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b), (c), (d), (e) **u (ea)** għandu jibda fi *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.
4. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu għandu jibda sena wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(2).

5. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (a) u[...] (b) **għandu jsir tal-inqas kull sitt snin. Il-monitoraġġ f'konformità ma' dak il-paragrafu, il-punt** [...] (c), [...] dwar l-istokk ta' karbonju organiku f'ħamrija minerali tar-raba' u s-sehem ta' art agrikola b'karatteristiċi ta' pajsaġġ ta' diversità kbira, u (e) rigward l-injam mejjet wieqaf u [...] l-injam mejjet mal-art, **u, fejn applikabbli**, is-sehem ta' foresti bi struttura b'età mhux uniformi, il-konnettività tal-foresti, **is-sehem ta' foresta ddominata minn speċijiet ta' siġar indiġeni, id-diversità tal-ispeċijiet tas-siġar** u l-istokk ta' karbonju organiku, għandu jitwettaq mill-inqas kull [...] **sitt snin**, [...] **jew, fejn meħtieġ, biex tiġi evalwata l-kisba ta' xejriet li qed jiżdiedu sal-2030, b'intervall iqsar** [...]. Il-monitoraġġ f'konformità ma' dak il-paragrafu, il-punt (c) dwar l-indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix, dak il-paragrafu, il-punti (d) u (e) dwar l-indiċi tal-ġhasafar komuni tal-foresti, u dak il-paragrafu, il-punt (f) dwar l-ispeċijiet ta' pollinaturi għandu jitwettaq kull sena. Il-monitoraġġ f'konformità ma' dak il-paragrafu, il-punti (g) u (h), għandu jitwettaq mill-inqas kull sitt snin u għandu jkun ikkoordinat maċ-ċiklu ta' rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE **u l-valutazzjoni inizjali skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 56/2008/KE**.
- 6.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli msemija fl-Artikolu 9(2), il-punt (b), u l-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti msemija fl-Artikolu 10(2), il-punti (a), (b),₂ u **10(2a), il-punt (c)**, ta' dan ir-Regolament, jiġu mmonitorjati b'mod konsistenti mal-monitoraġġ meħtieġ skont ir-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999.
7. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw id-data ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont dan l-Artikolu, f'konformità mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷³ u f'konformità mal-frekwenzi ta' monitoraġġ stabbiliti fil-paragrafu 5.

73 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

8. Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri għandhom joperaw abbażi ta' bażijiet tad-data elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u għandhom jimmassimizzaw l-aċċess u l-użu ta' data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), sensuri u apparat in situ, jew id-data dwar ix-xjenza taċ-ċittadini, l-ingranaġġ tal-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali, l-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data.
9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex:
- (a) tispeċifika l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV;
 - (b) tispeċifika l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI;
 - (c) [...] **tistabbilixxi** qafas **gwida** għall-istabbiliment tal-livelli sodisfaċenti msemmija fl-Artikolu [...] **10(2) u 10(2a)**.
- 9a. Sal-2028, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi qafas ta' gwida għall-istabbiliment tal-livelli sodisfaċenti msemmija fl-Artikoli 6(2), 6(3), 8(1) u 9(2).**
- 9b.** [...] **Atti** ta' implimentazzjoni **skont il-paragrafi (9) u (9a)** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 18

Rapportar

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku lill-Kummissjoni ż-żona soġġetta għall-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikoli 4 sa 10 u l-ostakli msemmija fl-Artikolu 7 li tneħħew, [...] **tal-anqas kull tliet snin. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat f'Ġunju 2028.** [...]
2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni, meġġuna mill-EEA, tal-anqas kull [...] **sitt** snin:
 - (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali ta' restawr, fl-istabbiliment tal-miżuri ta' restawr u l-progress fl-ilħuq tal-miri u l-obbligi stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10;
 - (b) ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 17. Ir-rapportar tar-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 17(1)(g) u (h) [...] **għandu** jiġi ppreżentat, **u** inkluż [...] [...] **fil**-mapep b'referenza ġeografika;
 - (c) il-post u l-firxa taż-żoni soġġetti għall-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u l-Artikolu 9(4), inkluża mappa b'referenza ġeografika ta' dawk iż-żoni;
 - (d) l-inventarju aġġornat tal-ostakli msemmi fl-Artikolu 7(1);
 - (e) informazzjoni dwar il-progress miksub biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(l), inkluż rieżami tal-investment attwali kontra s-suppożizzjonijiet ta' investment inizjali.

L-ewwel rapporti għandhom jiġu ppreżentati f'Ġunju 2031, li jkopru l-perjodu sal-2030.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-EEA meta tfassal il-format, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati għar-rapportar elettroniku.
4. L-EEA għandha tipprovdi **kull tliet snin** lill-Kummissjoni b'ħarsa ġenerali teknika[...] tal-progress biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, abbażi tad-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 17(7).
5. L-EEA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport tekniku dwar l-Unjoni kollha dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament abbażi tad-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Tista' tuża wkoll l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, u l-Artikolu 17[...] tad-Direttiva 2008/56/KE. Ir-rapport għandu jiġi pprovdut sa Ġunju 2032 u r-rapporti sussegwenti għandhom jiġu pprovduti kull [...] **sitt** snin wara dan.
6. Il-Kummissjoni għandha, minn **ierba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament** [...] tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull [...] **sitt** snin dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6(a) Sa 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun fih:

- a) ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell tal-UE għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;**
- b) valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament biex jiġu implimentati l-Artikoli 4 sa 10 u biex jintlaħaq l-oġettiv imsemmi fl-Artikolu 1(2);**
- c) analiżi biex tidentifika kwalunkwe nuqqas fil-finanzjament fl-implimentazzjoni tal-obbligi stipulati fir-Regolament;**
- d) fejn xieraq u mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027, proposti għal miżuri adegwati, inkluż miżuri finanzjarji biex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati.**

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun adegwata u aġġornata u li tkun disponibbli għall-pubbliku f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2007/2/KE u (UE) 2019/1024 tal-Parlament u tal-Kunsill.

KAPITOLU V

SETGĦAT DELEGATI U PROĊEDURA TA' KUMITAT

Artikolu 19

Emenda tal-Annessi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness I sabiex tadatta **l-mod** kif [...] it-tipi ta' habitats **huma raggruppati għall-progress tekniku u xjentifiku u biex tqis l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-gruppi tat-tipi ta' habitats:

(a) [...] il-lista ta' tipi ta' habitats **biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-aġġornamenti [...] għall-klassifikazzjoni tal-habitats tas-sistema Ewropea ta' informazzjoni dwar in-natura (EUNIS), u;**

(b) **il-mod** kif [...] it-tipi ta' habitats **jipprova fi gruppi skont il-progress tekniku u xjentifiku u biex titqies l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness III, sabiex tadatta l-lista ta' speċijiet tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 5 [...] **għall-progress tekniku u xjentifiku.**
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness IV, sabiex tadatta d-deskrizzjoni, l-unità u l-metodoloġija tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli [...] **għall-progress tekniku u xjentifiku.**

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness V sabiex [...] **tadatta** l-lista ta' speċijiet użati għall-indiċi tal-għasafar komuni tar-raba' tal-biedja fl-Istati Membri **għall-progress tekniku u xjentifiku**.
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness VI, sabiex tadatta d-deskrizzjoni, l-unità u l-metodoloġija tal-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti [...] **għall-progress tekniku u xjentifiku**.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness VII sabiex tadatta l-lista ta' eżempji ta' miżuri ta' restawr **għall-progress tekniku u xjentifiku u biex tqis l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**.

Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjg id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁷⁴.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni, la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill, fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

74 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Artikolu 21

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21a

Emenda għar-Regolament (UE) 2022/869

L-Artikolu 7(8), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/869 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikoli 4(8) u (8a) u l-Artikolu 5(8) u (8a) tal-[proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura], dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha stipulati f'dawk id-Direttivi, il-proġetti fil-lista tal-Unjoni għandhom jitqiesu li huma ta' interess pubbliku minn perspettiva ta' politika dwar l-enerġija, u jistgħu jitqiesu li għandhom interess pubbliku prevalenti."

Artikolu 22

Rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2035.
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies il-hteġa li jiġu stabbiliti miri għar-restawr addizzjonali, abbażi ta' metodi komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi mhux koperti mill-Artikoli 4 u 5, u l-aktar evidenza xjentifika reċenti.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS I

**EKOSISTEMI TERRESTRI, KOSTALI U TAL-ILMA ĦELU – TIPI TA' HABITATS U GRUPPI
TA' TIPI TA' HABITATS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1) U 4(2)**

Il-lista ta' hawn taħt tinkludi t-tipi kollha ta' habitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE msemmija fl-Artikolu 4(1) u 4(2), kif ukoll sitt gruppi ta' daww it-tipi ta' habitats, jiġifieri 1) Artijiet mistagħdra (kostali u interni), 2) Artijiet bil-ħaxix u habitats pastorali oħra, 3) Habitats tax-xmajjar, tal-lagi, alluvjali u riparji, 4) Foresti, 5) Habitats tal-isteppa, tal-artijiet moxa u tax-xagħrijiet u 6) Habitats tal-blat u tad-duni.

1. GRUPP 1: Artijiet mistagħdra (kostali u interni)

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Habitats kostali u salmastri	
1130	Estwarji
1140	Meded tat-tajn u tar-ramel li mhumieq mgħottija bl-ilma baħar meta l-baħar jofroġ
1150	Laguni kostali
1310	Salicornia u speċi oħra annwali li jikkolonizzaw it-tajn u ir-ramel
1320	Meded ta' ħaxix tal-Ispartina (<i>Spartinion maritimae</i>)
1330	Bwar salmastri Atlantiċi (<i>Glaucopuccinellietalia maritimae</i>)
1340	Bwar salmastri interni
1410	Bwar salmastri Mediterranji (<i>Juncetalia maritimi</i>)
1420	Xagħrijiet alofili Mediterranji u termo-Atlantiċi (<i>Sarcocornetea fruticosi</i>)

1530	Steppi salmastri u mraġ salmastri Pannoniċi
1650	Daħliet doġoq tal-Baltiku Boreali
Artijiet moxa niedja u artijiet bil-ħaxix tal-pit	
4010	Artijiet moxa niedja tal-Atlantiku tat-Tramuntana bl- <i>Erica tetralix</i>
4020	Artijiet niedja tal-Atlantiku temperat bl- <i>Erica ciliaris</i> u l- <i>Erica tetralix</i>
6460	Artijiet bil-ħaxix tal-pit ta' Troodos
Fangazzi, torbieri mistagħdra u moxiet mistagħdra	
7110	Torbieri mistagħdra elevati attivi
7120	Torbieri mistagħdra elevati degradati li għadhom jistgħu jiġġeneraw ruħhom mil-ġdid b'mod naturali
7130	Torbieri mistagħdra tal-għata
7140	Fangazzi tranżitorji u torbieri mistagħdra jiċċaqilqu
7150	Dipressjonijiet fuq substrati tal-pit tar- <i>Rhynchosporion</i>
7160	Fawwara rikki fil-minerali u springfens Fennoskandjani
7210	Moxiet mistagħdra kalkarji bil- <i>Cladium mariscus</i> u bl-ispeċi tal- <i>Caricion davallianae</i>
7220	Fawwara petrifikanti b'formazzjoni tat-tufa (<i>Cratoneurion</i>)
7230	Moxiet mistagħdra alkalini
7240	Formazzjonijiet pijunieri Alpini tal- <i>Caricion bicoloris-atrofuscae</i>
7310	Fangazzi tal-Aapa
7320	Fangazzi tal-Palsa

Foresti niedja	
9080	Imsaġar baqqiegħa Fennoskandjani deċidwi
91D0	Art imsaġġra tat-torbieri mistagħdra

2. GRUPP 2: Artijiet bil-ħaxix u habitats pastorali oħrajn

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Habitats kostali u tad-duni	
1630	Bwar kostali tal-Baltiku Boreali
21A0	Machairs
Habitats tal-art moxa u tax-xagħrijiet	
4030	Artijiet moxa niexfa Ewropej
4040	Artijiet moxa niexfa kostali tal-Atlantiku bl- <i>Erica vagans</i>
4090	Artijiet moxa oro-Mediterranji endemiċi bil-ġinestrun
5130	Formazzjonijiet ta' <i>Juniperus communis</i> fuq artijiet moxa jew artijiet bil-ħaxix kalkarji
8240	Pavimenti tal-franka
Artijiet bil-ħaxix	
6110	Artijiet bil-ħaxix kalkarji rupikoli jew basofiliċi tal- <i>Alyso-Sedion albi</i>
6120	Artijiet bil-ħaxix kalkarji ramlija kserofitiċi
6130	Artijiet bil-ħaxix kalaminarji tal- <i>Violetalia calaminariae</i>
6140	Artijiet bil-ħaxix tal- <i>Festuca eskia</i> siliċiċi tal-Pirinej
6150	Artijiet bil-ħaxix siliċiċi alpini u boreali
6160	Artijiet bil-ħaxix ta' <i>Festuca indigesta</i> oro-Iberjani
6170	Artijiet bil-ħaxix kalkarji alpini u sub-alpini
6180	Artijiet bil-ħaxix meżofili Makaroneżjani

6190	Artijiet bil-ħaxix pannoniċi rupikoli (<i>Stipo-Festucetalia pallentis</i>)
6210	Artijiet bil-ħaxix niexfa u facies bix-xaġhrijiet semi-naturali fuq substrati kalkarji (<i>Festuco-Brometalia</i>)
6220	Psewdo-steppa bil-ħaxix u bi speċijiet annwali tat- <i>Thero-Brachypodietea</i>
6230	Artijiet bil-ħaxix ta' <i>Nardus</i> rikki fl-ispeċijiet, fuq substrati siliciċi f'żoni muntanjużi (u f'żoni submuntanjużi fl-Ewropa Kontinentali)
6240	Artijiet bil-ħaxix steppiċi sub-Pannoniċi
6250	Artijiet bil-ħaxix steppiċi Pannoniċi fuq il-loess
6260	Steppi ramlija Pannoniċi
6270	Artijiet bil-ħaxix Fennoskandjani minn niexfa sa mesiċi, rikki fl-ispeċijiet f'altitudni baxxa
6280	Blat ċatt alvar Nordiku u kalkarju Prekambrijan
62A0	Artijiet bil-ħaxix niexfa tas-subMediterran tal-Lvant (<i>Scorzoneratalia villosae</i>)
62B0	Art bil-ħaxix serpentnofili ta' Ċipru
62C0	Steppi Ponto-Sarmatiċi
62D0	Artijiet bil-ħaxix aċidofili Oro-Moesjani
6410	Bwar <i>Molinia</i> fuq ħamrija kalkarja, bil-pit, jew b'taħlita ta' tafal u ħama (<i>Molinion caeruleae</i>)
6420	Artijiet bil-ħaxix għoli niedja Mediterranji tal- <i>Molinio-Holoschoenion</i>
6510	Bwar ta' ħuxlief f'altitudni baxxa (<i>Alopecurus pratensis</i> , <i>Sanguisorba officinalis</i>)
6520	Bwar ta' ħuxlief fuq il-muntanji

Dehesas u bwar imsaġġra	
6310	Dehesas bil- <i>Quercus spp</i> dejjem iħaddru.
6530	Bwar imsaġġra Fennoskandjani
9070	Artijiet tal-mergħa Fennoskandjani imsaġġra

3. GRUPP 3: Habitats tax-xmajjar, tal-lagi, alluvjali u riparji

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Xmajjar u lagi	
3110	Ilmijiet oligotrofiċi ta' pjanuri ramlija b'kontenut baxx ħafna ta' minerali (<i>Littorelletalia uniflorae</i>)
3120	Ilmijiet oligotrofiċi b'kontenut baxx ħafna ta' minerali li ġeneralment jinstabu fuq ħamrija ramlija fil-Mediterran tal-Punent, b' <i>Isoetes spp.</i>
3130	Ilmijiet qiegħda oligotrofiċi u mesotrofiċi b'veġetazzjoni tal- <i>Littorelletea uniflorae</i> u/jew tal- <i>Isoëto-Nanojuncetea</i>
3140	Ilmijiet oligomesotrofiċi kalkarji b'veġetazzjoni bentika ta' <i>Chara spp.</i>
3150	Lagi naturali ewtrofiċi b'veġetazzjoni tat-tip <i>Magnopotamion</i> jew <i>Hydrocharition</i>
3160	Lagi u għadajjar distrofiċi naturali
3170	Għadajjar temporanji Mediterranji
3180	Turloughs
3190	Lagi ta' karst ġibsi
31A0	Ġlejjeb tal-lotus tat-Transilvanja tan-nixxigħat sħan
3210	Xmajjar naturali Fennoskandjani
3220	Xmajjar Alpini u l-veġetazzjoni erbaċja matul xtuthom
3230	Xmajjar Alpini u l-veġetazzjoni għudija tagħhom bil- <i>Myricaria germanica</i>
3240	Xmajjar Alpini u l-veġetazzjoni għudija tagħhom bis- <i>Salix elaeagnos</i>

3250	Xmajjar Mediterranji għaddejjin bla waqfien bil- <i>Glaucium flavum</i>
3260	Mogħdijiet tal-ilma tal-pjanuri u tal-muntanji b'veġetazzjoni ta' <i>Ranunculon fluitantis</i> u <i>Callitricho-Batrachion</i>
3270	Xmajjar bi xtut tat-tajn b'veġetazzjoni ta' <i>Chenopodion rubri</i> p.p. u <i>Bidention</i> p.p.
3280	Xmajjar Mediterranji għaddejjin bla waqfien bl-ispeċi ta' <i>Paspalo-Agrostidion</i> u <i>Salix</i> u <i>Populus alba</i> li jagħtu għal fuqhom
3290	Xmajjar Mediterranji għaddejjin b'mod intermittenti ta' <i>Paspalo-Agrostidion</i>
32A0	Kaskati tat-tufa ta' xmajjar karstiċi fl-Alpi Dinariċi
Bwar alluvjali	
6430	Komunitajiet ta' ħaxix għoli idrofili fit-truf ta' pjanuri u ta' livelli muntanjużi u alpini
6440	Bwar alluvjali ta' widien bix-xmajjar tal- <i>Cnidion dubii</i>
6450	Bwar alluvjali boreali tat-Tramuntana
6540	Artijiet bil-ħaxix sub-Mediterranji tal- <i>Molinio-Hordeion secalini</i>
Foresti Alluvjali/Riparji	
9160	Foresti tal-ballut jew tal-ballut-karpin sub-Atlantiċi u medjo-Ewropej tal- <i>Carpinion betuli</i>
91E0	Foresti alluvjali bl- <i>Alnus glutinosa</i> u l- <i>Fraxinus excelsior</i> (<i>Alno-Padion</i> , <i>Alnion incanae</i> , <i>Salicion albae</i>)
91F0	Foresti riparji b'taħlita ta' <i>Quercus robur</i> , <i>Ulmus laevis</i> u <i>Ulmus minor</i> , <i>Fraxinus excelsior</i> jew <i>Fraxinus angustifolia</i> , tul ix-xmajjar il-kbar (<i>Ulmenion minoris</i>)
92A0	Imsaġar tas- <i>Salix alba</i> u tal- <i>Populus alba</i>
92B0	Formazzjonijiet riparji fuq mogħdijiet intermittenti Mediterranji bir- <i>Rhododendron ponticum</i> , is- <i>Salix</i> u oħrajn
92C0	Boskijiet tal- <i>Platanus orientalis</i> u tal- <i>Liquidambar orientalis</i> (<i>Platanion orientalis</i>)
92D0	Imsaġar u thickets riparji tan-Nofsinhar (<i>Nerio-Tamaricetea</i> u <i>Securinegion tinctoriae</i>)
9370	Boskijiet żgħar tal-palm tal-Phoenix

4. GRUPP 4: Foresti

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Foresti boreali	
9010	Taïga tal-Punent
9020	Foresti naturali antiki Fennoskandjani emiboreali b'siġar deċidwi b'weraq kbir (<i>Quercus</i> , <i>Tilia</i> , <i>Acer</i> , <i>Fraxinus</i> jew <i>Ulmus</i>) rikki fl-epifiti
9030	Foresti naturali tal-istadji primarji ta' suċċessjonijiet ta' kosta merfugħa 'l fuq
9040	Foresti subalpini/subartiċi Nordiċi bil- <i>Betula pubescens</i> ssp. <i>czerepanovii</i>
9050	Foresti Fennoskandjani rikki b'veġetazzjoni erbaċja bil- <i>Picea abies</i>
9060	Foresti tal-koniferi fuq l-eskeri glaċjoflujjali jew konnessi magħhom
Foresti temperati	
9110	Foresti tal-fagu <i>Luzulo-Fagetum</i>
9120	Foresti tal-fagu aċidofili Atlantiċi bl- <i>Ilex</i> u kultant bit- <i>Taxus</i> ukoll fis-saff taħtani (<i>Quercion robori-petraeae</i> jew <i>Ilici-Fagenion</i>)
9130	Foresti tal-fagu <i>Asperulo Fagetum</i>
9140	Boskijiet tal-fagu subalpini medjo-Ewropej bl- <i>Acer</i> u r- <i>Rumex arifolius</i>
9150	Foresti tal-fagu f'art tal-franka medjo-Ewropej tas- <i>Cephalanthero-Fagion</i>
9170	Foresti tal-ballut-karpin tal- <i>Galio-Carpinetum</i>
9180	Foresti tat- <i>Tilio-Acerion</i> fuq tlajja', art biż-żrar jew widien dojoq
9190	Boskijiet qodma aċidofili tal-ballut <i>Quercus robur</i> fuq pjanuri ramlja
91A0	Boskijiet qodma sessili tal-ballut bl- <i>Ilex</i> u l- <i>Blechnum</i> fil-Gżejjer Britanniċi
91B0	Boskijiet termofili tal- <i>Fraxinus angustifolia</i>
91G0	Boskijiet pannoniċi bil- <i>Quercus petraea</i> u l- <i>Carpinus betulus</i>
91H0	Boskijiet pannoniċi bil- <i>Quercus pubescens</i>

91I0	Boskijiet steppiċi Ewro-Siberjana bil- <i>Quercus</i> spp.
91J0	Boskijiet tat- <i>Taxus baccata</i> tal-Gżejjer Brittaniċi
91K0	Foresti tal- <i>Fagus sylvatica</i> illiriċi (<i>Aremonio-Fagion</i>)
91L0	Foresti tal-ballut-karpin illiriċi (<i>Erythronio-Carpinion</i>)
91M0	Foresti Pannoniċi-Balkaniċi tal-ballut Tork-tal-ballut sessili
91P0	Foresta taż-żnuber tas-Salib Imqaddes (<i>Abietetum polonicum</i>)
91Q0	Foresti kalċikoli tal-Pinus sylvestris tal-Karpatja tal-Punent
91R0	Foresti tal-arżnu tal-Iskozja tad-Dolomiti Dinardi (<i>Genisto janauensis-Pinetum</i>)
91S0	Foresti tal-fagu Pontići tal-Punent
91T0	Foresti tal-arżnu tal-Iskozja tal-likeni tal-Ewropa Ċentrali
91U0	Foresta tal-arżnu steppika Sarmatika
91V0	Foresti tal-fagu Daċiku (<i>Symphyto-Fagion</i>)
91W0	Foresti tal-fagu Moesjan
91X0	Foresti tal-fagu Dobroġjan
91Y0	Foresti tal-ballut u tal-ballut-karpin Daċići
91Z0	Boskijiet tal-gir lewn il-fidda Moesjani
91AA	Boskijiet tal-ballut abjad tal-Lvant
91BA	Foresti taż-żnuber abjad Moesjani
91CA	Foresti tal-arżnu tal-Iskozja Rodopidi u tal-muntanji Balkani

Foresti Mediterranji u Makaroneżjani	
9210	Foresti tal-fagu tal-Apennini bit- <i>Taxus</i> u l- <i>Ilex</i>
9220	Foresti tal-fagu Apennini bl- <i>Abies alba</i> u foresti tal-fagu bl- <i>Abies nebrodensis</i>
9230	Boskijiet tal-ballut Galizjo-Portugiżi bil- <i>Quercus robur</i> u l- <i>Quercus pyrenaica</i>
9240	Boskijiet Iberiċi tal- <i>Quercus faginea</i> u l- <i>Quercus canariensis</i>
9250	Boskijiet tal- <i>Quercus trojana</i>
9260	Boskijiet tal- <i>Castanea sativa</i>
9270	Foresti tal-fagu Elleniċi bl- <i>Abies borisii-regis</i>
9280	Boskijiet tal- <i>Quercus frainetto</i>
9290	Foresti tal-Cupressus (<i>Acero-Cupression</i>)
9310	Boskijiet tal- <i>Quercus brachyphylla</i> tal-Eġew
9320	Foresti tal- <i>Olea</i> u s- <i>Ceratonia</i>
9330	Foresti tal- <i>Quercus suber</i>
9340	Foresti tal- <i>Quercus ilex</i> u l- <i>Quercus rotundifolia</i>
9350	Foresti tal- <i>Quercus macrolepis</i>
9360	Foresti tar-rand Makaroneżjani (<i>Laurus</i> , <i>Ocotea</i>)
9380	Foresti tal- <i>Ilex aquifolium</i>
9390	Xaġhrija u veġetazzjoni baxxa tal-foresta bil- <i>Quercus alnifolia</i>
93A0	Boskijiet bil- <i>Quercus infectoria</i> (<i>Anagyro foetidae-Quercetum infectoriae</i>)
Foresti koniferi muntanjużi	
9410	Foresti tal- <i>Picea</i> aċidofili tal-livelli muntanjużi u dawk alpini (<i>Vaccinio-Piceetea</i>)
9420	Foresti Alpini tal- <i>Larix decidua</i> u/jew il- <i>Pinus cembra</i>
9430	Foresti tal- <i>Pinus uncinata</i> subalpini u muntanjużi
9510	Foresti tal- <i>Abies alba</i> tal-Apennini tan-Nofsinhar
9520	Foresti tal- <i>Abies pinsapo</i>

9530	Foresti tal-arżnu (sub-)Mediterranji bl-arżnu iswed endemiku
9540	Foresti tal-arżnu Mediterranji bl-arżnu Mesogenew endemiku
9550	Foresti tal-arżnu endemiċi tal-Gżejjer Kanarji
9560	Foresti endemiċi bil- <i>Juniperus</i> spp.
9570	Foresti tat- <i>Tetraclinis articulata</i>
9580	Boskijiet Mediterranji tat- <i>Taxus baccata</i>
9590	Foresti taċ-Cedrus brevifolia (<i>Cedrosetum brevifoliae</i>)
95A0	Foresti tal-arżnu oro-Mediterranji għoljin

5. GRUPP 5: Habitats tal-istepi, tal-artijiet moxa u tax-xagħrijiet

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Steppi salmastri u ġibsija	
1430	Xagħrijiet alo-nitrofil (<i>Pegano-Salsoletea</i>)
1510	Steppi salmastri Mediterranji (<i>Limonietalia</i>)
1520	Veġetazzjoni ġibsija Iberika (<i>Gypsophiletalia</i>)
Art moxa u xagħrija temperati	
4050	Artijiet moxa makaroneżjani endemiċi
4060	Artijiet moxa Alpini u Boreali
4070	Arbuxelli bil- <i>Pinus mugo</i> u r- <i>Rhododendron hirsutum</i> (Mugo-Rhododendretum hirsuti)
4080	Xagħrija bis- <i>Salix</i> spp. sub-Artika
40A0	Xagħrija peri-Pannonika subkontinentali
40B0	Thickets tar-Rhodope <i>Potentilla fruticosa</i>
40C0	Thickets Ponto-Sarmatiċi deċidwi

Xagħrija sklerofilli (matorral)	
5110	Formazzjonijiet stabbli kserotermofili bil- <i>Buxus sempervirens</i> fuq tlajja' tal-blat (<i>Berberidion</i> p.p.)
5120	Formazzjonijiet muntanjużi tas- <i>Cytisus purgans</i>
5140	Formazzjonijiet tas- <i>Cistus palhinhae</i> fuq artijiet moxa niedja marittimi
5210	<u>Arborescent matorral with <i>Juniperus</i> spp.</u>
5220	Matorral arborexxenti biż- <i>Zyziphus</i>
5230	Matorral arborexxenti bil- <i>Laurus nobilis</i>
5310	Thickets tal- <i>Laurus nobilis</i>
5320	Formazzjonijiet baxxi ta' <i>Euphorbia</i> qrib l-irdum
5330	Xagħrija termo-Mediterranju u ta' qabel id-deżert
5410	Frigana ta' fuq l-irdum tal-Mediterran tal-Punent (<i>Astragalo-Plantaginetum subulatae</i>)
5420	Frigana <i>Sarcopoterium spinosum</i>
5430	Frigana endemiċi tal- <i>Euphorbio-Verbascion</i>

6. GRUPP 6: Habitats tal-blat u tad-duni

Kodiċi tat-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE	Isem it-tip ta' habitat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
Irdum tal-baħar, bajjiet u gżejriet	
1210	Veġetazzjoni annwali tad-drift lines
1220	Veġetazzjoni perenna ta' xtut bil-blat
1230	Irdum tal-baħar veġetati tal-Kosti Atlantiċi u Baltiċi
1240	Irdum tal-baħar veġetati tal-kosti Mediterranji bil- <i>Limonium</i> spp. endemiku
1250	Irdum tal-baħar veġetati minn flora endemika tal-kosti Makaroneżjani

1610	Gżejjer esker Baltiċi b'veġetazzjoni ta' xtajtiet ramlija, tal-blatt jew biċ-ċaġhaq żgħir u b'veġetazzjoni sublittorali
1620	Gżejriet u gżejjer żgħar tal-Baltiku Boreali
1640	Xtajtiet ramlija tal-Baltiku Boreali b'veġetazzjoni perenni
Duni kostali u interni	
2110	Duni embrijoniċi li jitħarrku
2120	Duni li jitħarrku ma' xatt-il baħar bl- <i>Ammophila arenaria</i> ("duni bojod")
2130	Duni konsolidati mal-kosta b'veġetazzjoni erbaċja ("duni griżi")
2140	Duni konsolidati dekalċifikati bl- <i>Empetrum nigrum</i>
2150	Duni konsolidati dekalċifikati Atlantiċi (<i>Calluno-Ulicetea</i>)
2160	Duni bil- <i>Hippophaë rhamnoides</i>
2170	Duni bis- <i>Salix repens</i> ssp. <i>argentea</i> (<i>Salicion arenariae</i>)
2180	Duni bis-siġar tar-reġjun Atlantiku, Kontinentali u Boreali
2190	Dipressjonijiet niedja bejn id-duni
2210	Duni tax-xtajta konsolidati tal-Crucianellion maritimae
2220	Duni bl- <i>Euphorbia terracina</i>
2230	Artijiet bil-ħaxix tad-duni tal- <i>Malcolmietalia</i>
2240	Artijiet bil-ħaxix tad-duni tal- <i>Brachypodietalia</i> bi speċijiet annwali
2250	Duni kostali bil- <i>Juniperus</i> spp.
2260	Xaġhrijiet sklerofilli tad-duni biċ- <i>Cisto-Lavenduletalia</i>
2270	Duni bis-siġar bil- <i>Pinus pinea</i> u/jew bil- <i>Pinus pinaster</i>
2310	Artijiet moxa niexfa ramlija bil- <i>Calluna</i> u l- <i>Genista</i>
2320	Artijiet moxa niexfa ramlija bil- <i>Calluna</i> u l- <i>Empetrum nigrum</i>
2330	Duni interni b'artijiet bil-ħaxix miftuħa bil- <i>Corynephorus</i> u bl- <i>Agrostis</i>
2340	Duni interni Pannoniċi
91N0	Thickets tad-duni tar-ramel interni Pannoniċi (<i>Junipero-Populetum albae</i>)

Habitats tal-blat	
8110	Żrar siliċiku minn livelli muntanjużi sa dawk bil-borra (<i>Androsacetalia alpinae</i> u <i>Galeopsietalia ladani</i>)
8120	Żrar kalkarju u skistukalkarju mil-livelli muntanjużi sa dawk alpini (<i>Thlaspietea rotundifolii</i>)
8130	Żrar tal-Mediterran tal-Punent u termofilu
8140	Żrar tal-Mediterran tal-Lvant
8150	Żrar siliċiku ta' altitudni għolja Medjo-Ewropew
8160	Żrar siliċiku Medjo-Ewropew tal-livelli tal-għoljiet u tal-muntanji
8210	Tlajja' tal-blat kalkarji b'veġetazzjoni kasmofitika
8220	Tlajja' tal-blat siliċiċi b'veġetazzjoni kasmofitika
8230	Blat siliċiku b'veġetazzjoni pijuniera tas- <i>Sedo-Scleranthion</i> jew tas- <i>Sedo albi-Veronicion dillenii</i>
8310	Għerien li mhumix miftuħa għall-pubbliku
8320	Għelieqi tal-lava u tħaffir naturali
8340	Glaċieri permanenti

ANNESS II

EKOSISTEMI TAL-BAĦAR – TIPI TA' HABITATS U GRUPPI TA' TIPI TA' HABITATS **IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(1) U 5(2)**

Il-lista ta' hawn taħt tinkludi t-tipi ta' habitats tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 5(1) u 5(2), kif ukoll seba' gruppi ta' daww it-tipi ta' habitats, jiġifieri 1) Ġlejjeb tal-ħaxix tal-baħar, 2) Foresti tal-makroalgi, 3) Ġlejjeb tal-frott tal-baħar bil-qoxra, 4) Ġlejjeb tal-maerl, 5) Ġlejjeb tal-isponoż, tal-qroll u koralligenużi, 6) Fetħiet u tnixxijiet u 7) Sedimenti rotob ('il fuq minn 1000 metru fond). Ir-relazzjoni mat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE hija ppreżentata wkoll.

Il-klassifikazzjoni tat-tipi ta' habitats tal-baħar użati, differenzjati skont ir-reġjuni bijoġeografiċi tal-baħar, issir skont is-sistema Ewropea ta' informazzjoni dwar in-natura (EUNIS), kif riveduta għat-tipoloġija tal-habitats tal-baħar fl-2022 mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). L-informazzjoni dwar il-habitats relatati elenkati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE hija bbażata fuq il-crosswalk ippubblikat miż-ŻEE fl-2021¹.

1. Grupp 1: Ġlejjeb tal-ħaxix tal-baħar

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċi tat-tip ta' habitat relatat kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE
L-Atlantiku		
MA522	Ġlejjeb tal-ħaxix tal-baħar fuq ramel littorali tal-Atlantiku	1140; 1160
MA623	Ġlejjeb tal-ħaxix tal-baħar fuq tajn littorali tal-Atlantiku	1140; 1160
MB522	Ġlejjeb tal-ħaxix tal-baħar fuq ramel infralittorali tal-Atlantiku	1110; 1150; 1160

¹[Klassifikazzjoni 2022 tal-EUNIS tal-habitats tal-baħar.L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.](#)

Il-Baħar Baltiku		
MA332	Sediment aħrax idrolittorali Baltiku kkaratterizzat minn veġetazzjoni mgħaddsa	1130; 1160; 1610; 1620
MA432	Sediment imħallat idrolittorali Baltiku kkaratterizzat minn veġetazzjoni mgħaddsa	1130; 1140; 1160; 1610
MA532	Ramel idrolittorali Baltiku kkaratterizzat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1130; 1140; 1160; 1610
MA632	Tajn idrolittorali Baltiku ddominat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1130; 1140; 1160; 1650
MB332	Sediment aħrax infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1110; 1160
MB432	Sediment imħallat infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1110; 1160; 1650
MB532	Ramel idrolittorali Baltiku kkaratterizzat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1110; 1130; 1150; 1160
MB632	Sediment tat-tajn infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn pjanti b'għeruq mgħaddsa	1130; 1150; 1160; 1650
Il-Baħar l-Iswed		
MB546	Ramel bit-tajn infralittorali influwenzat minn bwar tal-ħaxix tal-baħar u tal-alka riżomatika fl-ilma ħelu tal-Baħar l-Iswed	1110; 1130; 1160
MB547	Bwar tal-ħaxix tal-baħar tal-Baħar l-Iswed fuq ramel nadif infralittorali ta' fuq espost b'mod moderat	1110; 1160
MB548	Bwar tal-ħaxix tal-baħar tal-Baħar l-Iswed fuq ramel infralittorali t'isfel	1110; 1160
Il-Baħar Mediterran		
MB252	Bijoċenożi tal- <i>Posidonia oceanica</i>	1120
MB2521	Ekomorfożi tal-bwar tal- <i>Posidonia oceanica</i> bl-istrixxi	1120; 1130; 1160
MB2522	Ekomorfożi tal-bwar tal- <i>Posidonia oceanica</i> tal-"iskoll ta' barriera"	1120; 1130; 1160
MB2523	Facies ta' "mattes" mejtin tal- <i>Posidonia oceanica</i> mingħajr wisq epiflora	1120; 1130; 1160
MB2524	Assoċjazzjoni mal- <i>Caulerpa prolifera</i> fuq il-ġlejjeb tal- <i>Posidonia</i>	1120; 1130; 1160

MB5521	Assoċjazzjoni mas- <i>Cymodocea nodosa</i> fuq ramel fin magħżul sew	1110; 1130; 1160
MB5534	Assoċjazzjoni mas- <i>Cymodocea nodosa</i> fuq ramel bit-tajn superfiċjali f'ilmijiet protetti	1110; 1130; 1160
MB5535	Assoċjazzjoni maż- <i>Zostera notei</i> fuq ramel tat-tajn superfiċjali f'ilmijiet protetti	1110; 1130; 1160
MB5541	Assoċjazzjoni mar- <i>Ruppia cirrhosa</i> u/jew mar- <i>Ruppia maritima</i> fuq ir-ramel	1110; 1130; 1160
MB5544	Assoċjazzjoni maż- <i>Zostera notei</i> f'ambjent ewrialin u ewritermali fuq ir-ramel	1110; 1130; 1160
MB5545	Assoċjazzjoni maż- <i>Zostera marina</i> f'ambjent ewrialin u ewritermali	1110; 1130; 1160

2. Grupp 2: Foresti tal-makroalgi

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċijiet relatati tal-Anness I (id-Direttiva dwar il-Habitats)
L-Atlantiku		
MA123	Il-komunitajiet tal-makroalka fuq blat littorali ta' salinità sħiħa tal-Atlantiku	1160; 1170; 1130
MA125	Fukojdi fuq blat littorali ta' salinità varjabbli tal-Atlantiku	1170; 1130
MB121	Komunitajiet tal-kelp u tal-makroalka fuq blat infralittorali tal-Atlantiku	1170; 1160
MB123	Komunitajiet tal-kelp u tal-makroalka fuq blat infralittorali tal-Atlantiku affettwat jew disturbat mis-sedimenti	1170; 1160
MB124	Komunitajiet tal-kelp fuq blat infralittorali ta' salinità varjabbli tal-Atlantiku	1170; 1130; 1160
MB321	Komunitajiet tal-kelp u tal-makroalka fuq sediment aħrax infralittorali tal-Atlantiku	1160
MB521	Komunitajiet tal-kelp u tal-makroalka fuq ramel infralittorali tal-Atlantiku	1160
MB621	Komunitajiet veġetati fuq tajn infralittorali tal-Atlantiku	1160

Il-Baħar Baltiku		
MA131	Blat u blat kbir idrolittorali Baltiku kkaratterizzat minn alka perenni	1160; 1170; 1130; 1610; 1620
MB131	Alka perenni fuq il-blat u l-blat kbir infralittorali Baltiku	1170; 1160
MB232	Qigħan infralittorali Baltiċi kkaratterizzati minn żrar tal-qxur	1160; 1110
MB333	Sediment aħrax infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn alka perenni	1110; 1160
MB433	Sediment imħallat infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn alka perenni	1110; 1130; 1160; 1170
Il-Baħar l-Iswed		
MB144	Blat infralittorali ta' fuq espost tal-Baħar l-Iswed iddominat minn mitilidi bil-fucales	1170; 1160
MB149	Blat infralittorali ta' fuq espost tal-Baħar l-Iswed iddominat b'mod moderat minn mitilidi bil-fucales	1170; 1160
MB14A	Blat infralittorali ta' fuq protett mill-fucales u alka oħra fuq il-Baħar l-Iswed, imdawwal sew	1170; 1160
Il-Baħar Mediterran		
MA1548	Assoċjazzjoni mal- <i>Fucus virsoides</i>	1160; 1170
MB1512	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira tamariscifolia</i> u s- <i>Saccorhiza polyschides</i>	1170; 1160
MB1513	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira amentacea</i> (var. <i>amentacea</i> , var. <i>stricta</i> , var. <i>spicata</i>)	1170; 1160
MB151F	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira brachycarpa</i>	1170; 1160
MB151G	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira crinita</i>	1170; 1160
MB151H	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira crinitophylla</i>	1170; 1160
MB151J	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira sauvageauana</i>	1170; 1160
MB151K	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira spinosa</i>	1170; 1160
MB151L	Assoċjazzjoni mas- <i>Sargassum vulgare</i>	1170; 1160
MB151M	Assoċjazzjoni mad- <i>Dictyopteris polypodioides</i>	1170; 1160
MB151W	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira compressa</i>	1170; 1160

MB1524	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira barbata</i>	1170; 1160
MC1511	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira zosteroides</i>	1170; 1160
MC1512	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira usneoides</i>	1170; 1160
MC1513	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira dubia</i>	1170; 1160
MC1514	Assoċjazzjoni maċ- <i>Cystoseira corniculata</i>	1170; 1160
MC1515	Assoċjazzjoni mas- <i>Sargassum</i> spp.	1170; 1160
MC1518	Assoċjazzjoni mal- <i>Laminaria ochroleuca</i>	1170; 1160
MC3517	Assoċjazzjoni mal- <i>Laminaria rodriguezii</i> fuq il-ġlejjeb detritiċi	1160

3. Grupp 3: Ġlejjeb tal-frott tal-baħar bil-qoxra

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċijiet relatati tal-Anness I (id-Direttiva dwar il-Habitats)
L-Atlantiku		
MA122	<i>Mytilus edulis</i> u/jew komunitajiet tal-koċċli fuq blat littorali tal-Atlantiku espost għall-mewġ	1160; 1170
MA124	Komunitajiet tal-maskli u/jew tal-koċċli bil-makroalka fuq blat littorali tal-Atlantiku	1160; 1170
MA227	Skollijiet bivalvi fiż-żona littorali tal-Atlantiku	1170; 1140
MB222	Skollijiet bivalvi fiż-żona infralittorali tal-Atlantiku	1170; 1130; 1160
MC223	Skollijiet bivalvi fiż-żona ċirkalittorali tal-Atlantiku	1170
Il-Baħar Baltiku		
MB231	Qigħan infralittorali Baltiċi ddominati minn bivalvi epibentiċi	1170; 1160
MC231	Qigħan ċirkalittorali Baltiċi ddominati minn bivalvi epibentiċi	1170; 1160; 1110
MD231	Qigħan bijoġeniċi ċirkalittorali offshore Baltiċi kkaratterizzati minn bivalvi epibentiċi	1170
MD232	Qigħan ta' żrar tal-qxur ċirkalittorali offshore Baltiċi kkaratterizzati minn bivalvi	1170
MD431	Qigħan imħallta ċirkalittorali offshore Baltiċi kkaratterizzati minn strutturi bijotiċi epibentiċi makroskopiċi	

MD531	Ramel ċirkalittorali offshore Baltiku kkaratterizzat minn strutturi bijotiċi epibentiċi makroskopiċi	
MD631	Tajn ċirkalittorali offshore Baltiku kkaratterizzat minn bivalvi epibentiċi	
Il-Baħar l-Iswed		
MB141	Blat infralittorali t'isfel iddominat mill-invertebrati fil-Baħar l-Iswed	1170
MB143	Blat infralittorali ta' fuq espost iddominat mill-mitilidi tal-Baħar l-Iswed b'alka tal-weraq (l-ebda Fucles)	1170; 1160
MB148	Blat infralittorali ta' fuq espost b'mod moderat iddominat mill-mitilidi fil-Baħar l-Iswed b'alka tal-weraq (għajr il-Fucles)	1170; 1160
MB242	Ġlejjeb tal-molluski fiż-żona infralittorali tal-Baħar l-Iswed	1170; 1130; 1160
MB243	Skollijiet tal-gajdri fuq il-blat infralittorali t'isfel tal-Baħar l-Iswed	1170
MB642	Tajn terrigenuż infralittorali tal-Baħar l-Iswed	1160
MC141	Blat ċirkalittorali tal-Baħar l-Iswed iddominat mill-invertebrati	1170
MC241	Ġlejjeb tal-molluski fuq tajn terrigenuż ċirkolittorali tal-Baħar l-Iswed	1170
MC645	Tajn ċirkalittorali t'isfel tal-Baħar l-Iswed	
Il-Baħar Mediterran		
MA1544	Facies bil- <i>Mytilus galloprovincialis</i> filmijiet rikki f'materja organika	1160; 1170
MB1514	Facies bil- <i>Mytilus galloprovincialis</i>	1170; 1160
	<u>Mediterranean infralittoral oyster beds</u>	
	<u>Mediterranean circalittoral oyster beds</u>	

4. Grupp 4: Ġlejeb tal-maerl

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċijiet relatati tal-Anness I (id-Direttiva dwar il-Habitats)
L-Atlantiku		
MB322	Ġlejeb tal-maerl fuq sediment aħrax infralittorali tal-Atlantiku	1110; 1160
MB421	Ġlejeb tal-maerl fuq sediment imħallat infralittorali tal-Atlantiku	1110; 1160
MB622	Ġlejeb tal-maerl fuq sediment bit-tajn infralittorali tal-Atlantiku	1110; 1160
Il-Baħar Mediterran		
MB3511	Assoċjazzjoni mar-rodoliti framel aħrax u fi żrar fin imħallat bil-mewġ	1110; 1160
MB3521	Assoċjazzjoni mar-rodoliti framel aħrax u fi żrar fin taħt l-influwenza tal-kurrenti tal-qieġh	1110; 1160
MB3522	Assoċjazzjoni mal-maerl (= Assoċjazzjoni mal- <i>Lithothamnion corallioides</i> u mal- <i>Phymatolithon calcareum</i>) fuq ramel aħrax u żrar fil-Mediterran	1110; 1160
MC3521	Assoċjazzjoni mar-rodoliti fuq qiegħan detritiċi kostali	1110
MC3523	Assoċjazzjoni mal-maerl (<i>Lithothamnion corallioides</i> u <i>Phymatolithon calcareum</i>) fuq il-qiegħan dendritiċi kostali	1110

5. Grupp 5: Ġlejeb tal-isponoż, tal-qroll u koralligenużi

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċijiet relatati tal-Anness I (id-Direttiva dwar il-Habitats)
L-Atlantiku		
MC121	Komunitajiet tat-turf fawnali fuq blat ċirkalittorali tal-Atlantiku	1170
MC124	Komunitajiet fawnali fuq blat ċirkalittorali ta' salinità varjabbli tal-Atlantiku	1170; 1130
MC126	Komunitajiet ta' għerien u sporġenzi ċirkalittorali Atlantiċi	8330; 1170
MC222	Skollijiet tal-qroll tal-ilma kiesaħ fiż-żona ċirkalittorali tal-Atlantiku	1170
MD121	Komunitajiet tal-isponża fuq blat ċirkalittorali offshore tal-Atlantiku	1170

MD221	Skollijiet tal-qroll tal-ilma kiesaħ fiż-żona ċirkalittorali offshore tal-Atlantiku	1170
ME122	Komunitajiet tal-isponża fuq il-blat batjali ta' fuq tal-Atlantiku	1170
ME123	Komunitajiet tal-qroll tal-ilma kiesaħ imħallat fuq il-blat batjali ta' fuq tal-Atlantiku	1170
ME221	Skoll tal-qroll tal-ilma kiesaħ batjali ta' fuq tal-Atlantiku	1170
ME322	Komunità imħallta tal-qroll tal-ilma kiesaħ fuq is-sediment aħrax batjali ta' fuq tal-Atlantiku	
ME324	Aggregazzjoni tal-isponża fuq is-sediment aħrax batjali ta' fuq tal-Atlantiku	
ME422	Aggregazzjoni tal-isponża fuq is-sediment mħallat batjali ta' fuq tal-Atlantiku	
ME623	Aggregazzjoni tal-isponża fuq it-tajn batjali ta' fuq tal-Atlantiku	
ME624	Għalqa tal-qroll wieqaf fuq it-tajn batjali ta' fuq tal-Atlantiku	
MF121	Komunità mħallta tal-qroll tal-ilma kiesaħ fuq il-blat batjali t'isfel tal-Atlantiku	1170
MF221	Skoll tal-qroll tal-ilma kiesaħ batjali t'isfel tal-Atlantiku	1170
MF321	Komunità mħallta tal-qroll tal-ilma kiesaħ fuq is-sediment aħrax batjali t'isfel tal-Atlantiku	
MF622	Aggregazzjoni tal-isponża fuq it-tajn batjali t'isfel tal-Atlantiku	
MF623	Għalqa tal-qroll wieqaf fuq it-tajn batjali t'isfel tal-Atlantiku	
Il-Baħar Baltiku		
MB138	Blat u blat kbir infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn sponoż epibentiċi	1170; 1160
MB43A	Sediment imħallat infralittorali Baltiku kkaratterizzat minn sponoż epibentiċi (Porifera)	1160; 1170
MC133	Blat u blat kbir ċirkalittorali Baltiku kkaratterizzat minn nidarjani epibentiċi	1170; 1160
MC136	Blat u blat kbir ċirkalittorali Baltiku kkaratterizzat minn sponoż epibentiċi	1170; 1160
MC433	Sediment imħallat ċirkalittorali Baltiku kkaratterizzat minn nidarjani epibentiċi	1160; 1170

MC436	Sediment imħallat ċirkalittorali Baltiku kkaratterizzat minn sponoż epibentiċi	1160
Il-Baħar l-Iswed		
MD24	Habitats bijoġeniċi ċirkalittorali offshore tal-Baħar l-Iswed	1170
ME14	Blat batjali ta' fuq tal-Baħar l-Iswed	1170
ME24	Habitat bijoġeniku batjali ta' fuq tal-Baħar l-Iswed	1170
MF14	Blat batjali t'isfel tal-Baħar l-Iswed	1170
Il-Baħar Mediterran		
MB151E	Facies bil- <i>Cladocora caespitosa</i>	1170; 1160
MB151Q	Facies bl- <i>Astroides calycularis</i>	1170; 1160
MB151 α	Facies u assoċjazzjoni ta' bijoċenożi koralligenużi (f'enklav)	1170; 1160
MC1519	Facies bl- <i>Eunicella cavolini</i>	1170; 1160
MC151A	Facies bl- <i>Eunicella singularis</i>	1170; 1160
MC151B	Facies bil- <i>Paramuricea clavata</i>	1170; 1160
MC151E	Facies bil- <i>Leptogorgia sarmentosa</i>	1170; 1160
MC151F	Facies bl- <i>Anthipatella subpinnata</i> u bl-alka ħamra sparsa	1170; 1160
MC151G	Facies bi sponoż kbar u alka ħamra sparsa	1170; 1160
MC1522	Facies bil- <i>Corallium rubrum</i>	8330; 1170
MC1523	Facies bil- <i>Leptopsammia pruvoti</i>	8330; 1170
MC251	Pjattaformi koralligenużi	1170
MC6514	Facies ta' tajn li jwaħħal bl- <i>Alcyonium palmatum</i> u bil- <i>Parastichophus regalis</i> fuq tajn ċirkalittorali	1160
MD151	Bioċenożi tal-blat tat-tarf Mediterran	1170
MD25	Habitats bijoġeniċi ċirkalittorali offshore Mediterranji	1170
MD6512	Facies ta' tajn li jwaħħal bl- <i>Alcyonium palmatum</i> u bil- <i>Parastichophus regalis</i> fuq tajn ċirkalittorali t'isfel	
ME1511	Skollijiet ta' <i>Lophelia pertusa</i> batjali ta' fuq Mediterranji	1170

ME1512	Skollijiet ta' <i>Madrepora oculata</i> batjali ta' fuq Mediterranji	1170
ME1513	Skollijiet ta' <i>Madrepora oculata</i> u <i>Lophelia pertusa</i> batjali ta' fuq Mediterranji	1170
ME6514	Facies batjali ta' fuq Mediterranji bil- <i>Pheronema carpenteri</i>	
MF1511	Skollijiet ta' <i>Lophelia pertusa</i> batjali t'isfel Mediterranji	1170
MF1512	Skollijiet ta' <i>Madrepora oculata</i> batjali t'isfel Mediterranji	1170
MF1513	Skollijiet ta' <i>Madrepora oculata</i> u <i>Lophelia pertusa</i> batjali t'isfel Mediterranji	1170
MF6511	Facies batjali t'isfel Mediterranji ta' tajn ramli bit- <i>Thenaea muricata</i>	
MF6513	Facies batjali t'isfel Mediterranji ta' tajn kumpatt bl- <i>Isidella elongata</i>	

6. Grupp 6: Fetħiet u tnixxijiet

Kodiċi tal-EUNIS	Isem it-tip ta' habitat tal-EUNIS	Kodiċijiet relatati tal-Anness I (id-Direttiva dwar il-Habitats)
